## PRIM' AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

**IMĦALLEF**
**ONOR. ROBERT G. MANGION**

**SEDUTA TAS-27 TA' SETTEMBRU, 2023**

**Kawża Numru: 9**

**Rik. Ġur. 1115/2017 RGM**

**Alexander Schembri; Arthur Rizzo; Manuel Saliba; Anthony Portelli; George Polidano; Lambert Zammit; Gordon Calleja; Kevin Vella; Jason Gilson; Gordon Borg; Oliver Cassar; Ivan Caruana; Joseph Zammit; Noel Apap; Mario Fenech; Stefan Decelis; Norman Xuereb; Geoffrey McCarthy; Oliver Vella; Joyce Bonello; Nicolette Attard; Alexandra Galea Sillato; Steve Bezzina u Andrew Kelly.**

**vs.**

**Kummissarju tal-Pulizija**
**Ministru tal-Intern u Sigurta Nazzjonali**
**Bord tal-Pulizja (Appelli)**
**L-Onorevoli Prim Ministru**

**Il-Qorti**

1. Rat ir-rikors ġuramentat tal-atturi ppreżentat fit-12 ta' Diċembru 2017. L-atturi fissru li huma kienu jew kienu għadhom jokkupaw l-grad ta' surġenti fil-Korp tal-Pulizija u

fl-4 ta' Settembru 2013 il-konvenut Kummissarju tal-Pulizija ħareġ sejħa sabiex jimtlew numru ta' postijiet ta' surġenti maġġuri tal-ewwel u t-tieni klassi li għalihom kienu jikkwalifikaw l-atturi biex b'hekk kienu jiġu promossi għall-kariga ta' surġenti maġġuri. Is-sejħa kienet fost oħrajn tinkludi bħala rekwiżit fi Klawsola 4.2 li "tingħata kunsiderazzjoni xierqa lill-kandidati li minbarra dak rikjest fil-paragrafu 4.1, għandhom esperjenza ta' xogħol relevanti u ppruvata." Fissru li fl-istess ġuranta u fiċ-ċirkular bl-istess numru u ċioe 61/2013, il-Kummissarju tal-Pulzija ħareġ verżjoni oħra tas-sejħa iżda Klawsola 4.2 kienet imnaqqsa u ma kinitx tagħmel parti mis-sejħa. L-atturi spjegaw li huma kienu jikkwalifikaw sabiex japplikaw għall-mili tal-post fuq imsemmi u kien għalhekk li sottomettew l-applikazzjoni tagħhom sabiex jiġu kkunisdrati għall-grad il-ġdid. L-intervisti saru bejn t-8 t'Ottubru u l-10 t'Ottubru 2013. Ir-riżultati tal-intervisti u l-kriterji li intużaw qatt ma ġew ikkomunikati lill-atturi u lanqas qatt ma ġew ippublikati. Ġara li ħareġ messaġġ fuq is-sistema NPS (National Police System) b'lista ta' tlettax-il surġent u kif ukoll l-isem ta' surġent maġġuri Tat-Tieni Klassi sabiex fil-15 ta' Novemru 2013 imorru l-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija bl-għan li l-persuni hemm imsemmija (ħadd mill-atturi ma kien fosthom) jiġu promossi għal Surġenti Maġġuri fil-klassi rispettiva.

2. Sussegwentament, circa sentejn u nofs wara, senjatament fil-5 ta' Mejju 2016, il-Kummissarju tal-Pulizija ħareġ messaġġ ieħor fejn saret referenza għall-numru ta' ismijiet oħra, tmienja b'kollox, sabiex jattendu l-Kwartieri tal-Pulizja fis-6 ta' Mejju 2016 sabiex huma wkoll ikunu promossi għal Surġenti Maġġuri fil-klassi rispettiva. L-atturi fissru li dawn l-aħħar promozzjonijiet imsemmija nħarġu sabiex issir ġustizzja ma' dawk l-istess persuni li soffrew inġustizzja bħala riżultat diretta tal-mod mhux trasparenti u nġust li bih tmexxa l-proċess tal-għażla għall-promozzjonijiet maħruġa fl-4 ta' Settembru 2013.

3. L-atturi jispjegaw li l-Kummissarju rrikonoxxa li kien hemm nuqqasijiet fil-proċess tal-għażla u kien għalhekk li offra rimedju sabiex din l-inġusitzzja tiġi ndirizzata. Skont l-atturi ir-rimedju pero ġie offrut b'mod selettiv u diskriminatorju b'riżultat li l-atturi

ġew skartati u ma ġew offruti ebda rimedju. Jinsistu li lanqas biss ġew infurmati bl-offerta li l-Kummissarju tal-Pulizija għamel lil dawn l-aħħar persuni. Jippremettu li "dan kellu r-rizultat li l-istess rikorrenti soffrew diskriminazzjoni, liema diskriminazzjoni effettwatilhom u qed teffettwalhom kemm l-prospetti ta' promoizzjoni fl-istess Korp tal-Pulizija, kif ukoll l-introjtu taghhom b'mod negattiv u preguzzjali ghalihom". Jinsistu li huma qegħdin isoffru inġustizzja u diskriminazzjoni illegali u abużiva bl-aġir tal-Kummissarju tal-Pulizija. Ipremettew li l-ilment li huma ressqu quddiem il-Bord tal-Pulizija qabel ma dan ġie xolt baqa' mhux deċiż b'mod finali, u dan stante li fil-liġi kif emendata ma ġietx inkluża dispożizzjoni transitorja sabiex l-ilmenti li kienu qegħdin jinstemgħu quddiem il-Bord tal-Pulizija jkomplu jinstemgħu quddiem il-Bord kif kompost skont il-liġi kif emendata. Huwa għalhekk li l-atturi qegħdin jitolbu lil din il-Qorti:

"01) Tiddikjara li l-process tal-ghazla fuq referit, u cioe' dak mill-intimat, Kummissarju tal-Pulizija, u li permezz tieghu l-istess intimat, Kummissarju tal-Pulzija, ghazel xi uhud mill-applikanti sabiex jilhqu Surgenti Magguri ghad-detriment tar-rikorrenti, huwa vvizzjat u dan ghar-ragunijiet fuq esposti kif ukoll ghar-ragunijiet ulterjuri, jekk ikun il-kaz, li jigu specifikati waqt t-trattazzjoni ta' dan ir-rikors;

02) Tiddikjara li l-intimat, Kummissarju tal-Pulzija, wettaq ingustizzja fil-konfront tar-rikorrenti meta ddiskrimina kontra taghhom meta offra rimedju lil uhud mill-applikanti ghas-sejha ghall-mili tal-postijiet fuq msemmija *ad insaputa* tar-rikorrenti, u mhux lir-rikorrenti;

03) Tiddikjara li bhala rizultat dirett tal-agir tal-intimat, Kummissarju tal-Pulizija, r-rikorenti soffrew ingustizzja u diskiminazzjoni fil-konfront taghhom billi gew mcahhda mid-dritt li ghandhom li jigu ttrattati bl-istess mod li gew trattati l-applikanti l-ohra ghas-sejha ghall-mili tal-postijiet fuq imsemmija;

04) Tordna lill-intimati jew min minhom sabiex jiehdu l-passi kollha idoneji sabiex l-ingustizzja li twettqet fil-konfront taghhom tigi rrimedjata mill-aktar fis possibbli u dan taht dawk il-kundizzjonijiet li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha xierqa fic-cirkostanzi;

05) Tiddikjara li minhabba d-dewmien kemm sabiex jigi mitmum l-process tal-ghazla fuq msemmi, kif ukoll minhabba d-dewmien sabiex jigi deciz l-ilment li r-rikorrenti ghamlu quddiem il-Police Board, kif gja kostitwit, ir-rikorrenti soffrew danni, ghal liema danni kienu responabbli unikament l-intimati, jew min minnhom;

06) Tiddikjara li kawza t'hekk ir-rikorrenti soffrew u qed isoffru danni ngenti li jirrizultaw f'telf fil-posizzjonijiet taghhom fil-korp tal-Pulizija (*order of seniority*), telf kemm fl-introjtu taghhom, f'termini ta' paga kif ukoll f'termini ta' pensjoni li jkollhom diritt ghaliha meta jaslu biex jitilqu mill-Korp tal-Pulizija jew li ghandhom dritt ghaliha prezentement;

07) Tiddikjara li ghal dawn d-danni huma responsabbli l-intimati jew min minnhom;

08) Tillikwida d-danni hekk sofferi mir-rikorrenti kawza tal-fatti fuq riferiti u kawza ghall-fatt li l-ilment taghhom quddiem l-Police Board ghadu sallum ma giex deciz, liema stat ta' fatt jirrizula f'telf ta' *seniority* u li jikkonsisti fost affarijiet ohra, f'telf ta' introjtu kemm odjernement, kif ukoll fil-passat minn mindu kellhom dritt li jinhatru fil-post imsemmi taht il-forma ta' *lucrum cessans,* kif ukoll f'telf ta' pensjoni potenzjalment pagabbli lir-rikorrenti;

09) Tordna lill-intimati, jew min minnhom sabiex jhallsu d-danni hekk likwidati lir-rikorrenti;

Bl-ispejjez inkluzi l-ispejjez tal-Protest Gudizzjarju ntavolat mir-rikorrenti u bl-imghaxijiet legali sad-data tal-effettiv pagament fil-konfront tal-intimati li huma minn issa ngunti ghas-subizzjoni."

4. Rat ir-risposta tal-Onorevoli Prim Ministru, tal-Kummissarju tal-Pulizija, tal-Ministru tal-Intern u Sigurta Nazzjonali u tal-*Independent Police Complaints Board* ippreżentata fis-16 ta' Jannar 2018. In linea preliminari eċċipew li (a) il-Prim Ministru, il-Ministru għall-Intern u s-Sigurta Nazzjoniali u l-*Independent Police Complaints Board* m'humiex il-leġittimi kontraditturi fil-konfront tal-azzjoni odjerna u dan ai termni tal-Artikolu 181B tal-Kapitolu 12; (b) l-atturi għandhom jispeċifikaw a bażi ta' liema artikolu tal-liġi qed tiġi ntavolata l-azzjoni; (ċ) l-atturi naqsu milli jeżawrixxu ir-rimedju ordinarju intern kif ukoll talba għal rikonsiderazzjoni tal-Kummissarju u/jew talba lill-Bord tal-Pulizija kif ukoll setgħu għamlu petizzjoni lic-Central Grievances Unit u/jew lil Ombudsman u/jew azzjoni ai termini tal-Artikolu 469A tal-Kapitolu 12; u (d) għandu jiġi allegat l-atti tal-Mandat t'Inibizzjoni bin-numru 412/2017 fl-ismijiet Alexander Schembri et vs. Kummissarj tal-Pulizia et degretat fis-6 t'April 2017. Fil-mertu eċċipew li l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet huma kollha infondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġi miċħuda għax huma msejsa fuq spekulazzjonijiet gratwiti, apparti li l-proċess tal-għażla llum huwa eżawrit u dan stante li :

i. L-kwadru tal-fatti kif imposti mill-atturi huwa wieħed li ma jurix il-perspettiva korretta tal-fatti rilevanti u għalhekk huma svijanti;
ii. Fil-każ tar-rank ta' Surġenti Maġġuri japplika l-*Instrument of Delegation* tas-sena 1966 fejn il-Kummissarju tal-Pulizija għandu d-delega mogħtija lilu mill-Prim Ministru sabiex jingaġġa uffiċċjali fil-grad ta' Surġenti Maġġuri b'mod diskrezzjonali u skont l-esiġenzi tas-servizz a bażi tal-kwalitajiet u l-kompetenzi

tal-istess uffiċjali u mhux neċessarjament a bażi tal-anzjanita tal-istess uffiċjali u għalhekk iċ-ċirkolari 61/2013 maħruġa mill-Kummissarju tal-Pulizija li kienet *in vigore* fit-totalita tagħha kif ukoll il-proċess tal-għażla ma kien fihom xejn irregolari;

iii. L-atturi għażlu li ma jagħmlux użu mir-rimedji ordinarji surreferiti kif għażlu li jagħmlu uħud mill-kollegi tagħhom li ipparteċipaw fl-imsemmi proċess tal-għażla;

iv. Id-dritt tal-atturi bħala applikanti fis-sejħa kienet li jipparteċipaw fil-proċess tal-għażla u mhux li jkun hemm xi garanzija li ser jintagħażlu awtomatikament u hawn saret referenza għal każ **Supretendent Anzjan Raymond G. Zammit vs. Il-Ministru tal-Intern u Gustizzja** (Mand 1804/2008);

v. Ma kien hemm xejn irregolari fil-proċess tal-ħatra u l-konvenuti aġixxew fil-parametri u fl-ambitu tal-liġi;

vi. M'hemm ebda danni li huma dovuti.

5. Rat li b'digriet tat-18 ta' Ġunju 2018 ġie allegat mal-proċess odjern l-atti tal-Mandat t'Inibizzjoni 412/2017 fl-istess ismijiet degretat fis-6 t'April 2017.

6. Rat l-atti kollha tal-kawża inkluż il-provi kollha imressqa mill-partijiet.

7. Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-atturi ppreżentata fil-31 ta' Jannar 2023[1] kif ukoll in-nota ta' sottomissjonijiet tal-konvenuti ppreżentata fl-1 ta' Marzu 2023[2].

8. Wara li semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet, il-Qorti ħalliet il-kawża għas-sentenza.

Ikkunsidrat

[1] Fol 610 et seq tal-proċess.
[2] Fol 623 et seq tal-proċess.

**Provi**

9. Xehed permezz ta' affidavit l-attur **Alexander Schembri** fejn spjega li huwa ingaġġat fil-Korp tal-Pulizija fil-grad ta' kunstistabbli u ilu hekk ingaġġat mit-28 ta' Ġunju 1994 u ġie promoss għal Surġent fit-13 ta' Lulju 1999. Jgħid li huwa kellu r-rekwiżiti kollha u kien eleġibbli għall-promozzjoni mertu tal-kawża u kien għalhekk li sottometta l-applikazzjoni tiegħu. Jgħid li meta ħarġet il-lista tal-persuni maħtura huwa kien ixxukkjat minħabba li tnejn minnhom kienu għadhom kemm ġew *re-instated* filwaqt li tmienja oħra kienu surġenti li kienu laħqu ftit snin qabel u kienu saru surġenti ferm warajh. Jgħid li huwa ma jistax jifhem x'kienet ir-raġuni għaliex huwa ġie maqbuż għall-promozzjoni meta huwa ħass li kien id-dritt tiegħu u ħass li kien ħafna aktar kwalifikat minn uħud minn dawk il-persuni li laħqu minfloku. Spjega li huwa dak inhar stess mar ikellem lill-Kummissarju Peter Paul Zammit sabiex jara għaliex kien ġie maqbuż u jiftakar li r-risposta tal-Kummissarju kienet li fi ftit xhur kienu ser jiġu promossi 20 Maġġur ieħor u li hu kien wieħed minnhom. Kompla jgħid li wara xi żmien reġa kellem lill-Kummissarju Zammit u kien qallu li l-ħsieb kien inbiddel u ma kien hemm ebda ħsieb li jiġu promossi aktar Surġenti Maġġuri. Jgħid li fis-7 ta' Frar 2014 il-Korp iċċirkola ċirkolari li kienet tindika t-twaqqif ta' Grievances Unit pero, skont ix-xhud, dan kien twaqaff biss għal membri rtirati tas-servizz pubbliku u mhux għal membri attwali. Ix-xhud jgħid preċiżament hekk:

> "Sussegwentament fis-7 ta' Frar 2014 il-Korp iċċirkula ċirkolari Numru PR140220 li kienet tindika it-twaqqif tal-Grievances Unit. Jiena għamilt il-verifiki tiegħi dwar dan il-Bord u meta fittixt dwar iċ-ċirkulari tal-OPM irrizultali li dan l-Bord kien twaqqaf biss għal membri ritirati tas-servizz pubbliku u mhux għall-membri attwali taċ-Ċivil."[3]

[3] Fol 89 tal-proċess.

Jgħid li huwa mar il-Ministeru tal-Intern u s-Sigurta Nazzjonali sabiex jistaqsi dwar din iċ-ċirkolari u kienu infurmawh li kienet ser toħroġ ċirkolari oħra sabiex tkopri l-membri attwali.[4] Jgħid li fil-fatt din iċ-ċirkolari ħarġet ftit wara, proprju f'Settembru 2014, mill-OPM liċ-ċivil kollu. F'din iċ-ċirkolari kien hemm miktub li kull kap tad-Dipartiment kellu l-obbligu li jinforma lill-impjegati tad-Dipartment tiegħu. Jgħid li din iċ-ċirkolari iżda qatt ma ġiet ċċirkolata mal-Pulizija b'riżultat li huwa u "lanqas hadd min shabi ma sirna nafu biha bir-rizultat li ma stajniex niffaljaw ilment fuq li gara."[5] Jgħid li anke l-Malta Police Board ddeċieda dwar dan l-ilment, liema deċiżjoni huwa annetta mal-affidavit tiegħu. Spjega li fit-13 ta' Marzu 2014 ġiet innotifikata lilhom estensjoni għat-talbiet lil *Grievances Board* iżda, skont ix-xhud, kienet tapplika biss għall-membri irtirati tas-Servizz Pubbliku:

> "Fit-13 ta' Marzu 2014 permezz ta' dokument tal-Pulizija bin-Numru tar-Riferenza PR140476 giet innotfikata estensjoni tat-talbiet lil Grievances Board, iżda għal darb'oħra skont iċ-ċirkulrai tal-OPM kien indikat li dan il-Bord kien għal membri irtirati tas-Servizz Pubbliku."[6]

Fil-5 ta' Mejju 2016 l-Aġent Kummissarju Lawrence Cutajar ħareġ messaġġ bl-ismijiet ta' 8 surġent li kienu ġew promossi għal Surġenti Maġġuri. Jgħid li wieħed minn dawn is-Surġenti lanqas biss kien applika fis-sejħa tal-2013 minħabba li dak iż-żmien lanqas kien għadu membru tal-Korp u kien ġie *reinstated* xi xhur wara. Ix-xhud jgħaddi sabiex jagħeml referenza għal dak li jgħid l-PSMC (Public Serive Management Code) senjatament Artikolu 1.3.16.2 u 1.3.16.3 tal-verzjoni 2011 li jistipula li "meta membru tal-Korp jigi *reinstated*, huwa jitlef s-*seniority* li kellu u jerġa jibda minn isfel nett. Ikompli jgħid hekk:

> "Nghid li meta saru dawn il-promozzjonijiet jiena għamilt il-verifiki tiegħi sabiex insir naf għalfejn kienu ġew magħżula dawn is-surġenti u għalfejn għal darb'oħra

[4] Ma ġie mħarrek ħadd mill-Ministeru sabiex jiġi kkonfermat dan.
[5] Fol 90 tal-proċess.
[6] Fol 90 tal-proċess.

kont erġajt ġejt maqbuż u kont infurmat li dawn kienu ġew rakkomandati mill-Grievances Board. Jiena mort nagħmel l-ilmenti tiegħi li l-Bord kien infetaħ għal membri irtirati u mhux għal membri attivi, iżda kont infurmat li proprju fil-25 ta' Settembru 2014 l-OPM kien ħareġ ċirkulari bin-Numru 20/2014 [...] fejn kien informa lil membri taċ-Ċivil li l-Grievances Board kien infetaħ għal membri attivi kollha – haga li la Jien u lanqas shabi qatt ma gejna nfurmati bija u ghalhekk ma stajniex nirregistraw l-ilment taghna quddiem l-istess Bord."[7]

Jgħid li kien hemm uħud minn dawk li ġew promossi li lanqas kien jimmerita li jingħataw il-medalja ta' servizz twil u effiċjenza u dan peress li l-kondotta tagħhom ma kinitx nadifa u altru minn eżemplari. Jgħid li dan il-fattur kien ukoll diskriminatorju fil-konfront tiegħu li għandu ċertifikat ta' servizz twill u effiċjenti u ingħata l-medalja għas-servizz tajjeb tiegħu. Jgħid li wara dawn il-ħatriet u ċioe fil-11 ta' Mejju 2016, hu flimkien ma' diversi kollegi tiegħu kitbu lis-Segretarju Eżekuttiv tal-PSC sabiex jilmentaw minn inġustizzja u diskriminazzjoni li saret fil-konfront tagħhom. Jgħid li fl-10 ta' Lulju 2016 irċivew risposta m'għand il-PSC li infurmathom li ma tistax itihom rimedju u li t-talba tagħhom ġiet magħluqa.[8]

Fl-10 t'Awwissu 2016 hu flimkien m' sħabu resqu l-ilment tagħhom quddiem il-Bord tal-Pulizija sabiex jinvestiga l-ilment, iżda għal aktar minn sentejn, l-unika risposta mill-Bord tal-Pulizija kienet biss *acknowledgement* li l-istess bord rċieva l-ittra tagħhom u kien biss fil-11 ta' Settembru 2018 meta rċivew risposta mill-istess Bord. Kompla jispjega li "Minħabba li l-Bord tal-Pulizija kien ghadu ma tana l-ebda risposta jew rimedju u wkoll minħabba li konna marbuta bi preskrizzjoni ta' 6 xhur, fil-11 ta' Jannar 2017 permezz tal-avukat taghna, ahna (shabbi), r-rikorrenti l-ohra u Jien) ktibna lill-Ombudsman sabiex jinvestiga il-każ taghna fuq inġustizzji u diskriminazzjoni fil-konfront tagħhna."[9] Spjega li Dr Brian Said f'isem l-Ombudsman beda jinvestiga t-

[7] Fol 91 tal-proċess.
[8] Prova li sar ilment quddiem il-PSC hija nieqsa.
[9] Fol 93 tal-proċess.

talbiet tagħhom u għamel diversi laqgħat magħhom kif ukoll mal-amministrazzjoni tal-Korp iżda minħabba raġunijiet legali l-Ombudsman ma setgħax jipproċedi.[10] Waqt is-seduta tad-9 ta' Frar 2021 Alexander Schembri ppreżenta korrispondenza datata 6 ta' Mejju 2016 li huwa bagħat lil Ministru ta' dak iż-żmien, Carmelo Abela, rigwardanti l-promozzjonijiet u l-Ministru rrispondih lura li l-promozzjonijiet li kienu saru kienu riżultat tal-Grievances Unit li kien twaqqaf.

10. In kontro-eżami ikkonferma li huwa għadu fil-Korp tal-Pulizija. Jgħid ukoll li huwa jaqbel li l-Maġġuri u s-Surġenti Maġġuri ma jintgħażlux biss abbażi tas-*seniority* imma abbażi tal-kwalitajiet u kompetenzi oħra, u jkompli jgħid li huwa għandu suppost dawk il-kwalitajiet meħtieġa għax kien jagħmel ix-xogħol kollu ta' Maġġur u ma kienx maħtur Maġġur. Jgħid ukoll li huwa jaf li d-dritt tiegħu huwa li jipparteċipa fis-sejħa iżda m'għandux jedd awtomatiku li ser jingħata dik il-promozzjoni pero skont ix-xhud hija tat-tħassib meta wieħed jara l-persuni li jkunu laħqu f'dik is-sejħa meta lanqas idea tax-xogħol m'għandhom. Huwa jgħid li fit-28 sena servizz qatt ma ittieħdu proċeduri dixxiplinarji kontrih. Jikkonferma ukoll li għax ingħata medalja għas-servizz twil u effiċjenti ma jfissirx li huwa għandu jingħata promozzjoni b'mod awtomatiku.

11. Għal raġunijiet ta' kompletazza, u anke għaliex dak li jingħad għandu valur probitorju fil-kawża odjerna, il-Qorti sejra tagħmel referenza għal dak li ġie ippreżentat u ingħad minn Alexander Schembri waqt ix-xhieda minnu mogħtija quddiem din il-Qorti diversament preseduta waqt is-smigħ tar-rikors għal ħruġ ta' Mandat t'Inibizzjoni. Waqt dak is-smigħ Schembri ppreżenta dokument li juri sensiela ta' ċirkolari illi nħarġu mill-Korp tal-Pulizija. F'dan id-dokument insibu ċ-ċirkolari bit-titolu 'Rigward Twaqqif ta' 'Grievances Units' (UPM Nru 2/2014) u ċ-ċirkulari bit-titolu 'Rigward Twaqqif ta' 'Grievances Units' – Estensjoni tal-talbiet' (UPM Nru 7/2014) li t-tnejn

[10] Prova li sar ilment mal-Ombudsman huwa nieqes ukoll.

ġew ċirkolati. Jidher iżda minn dan id-dokument li ċ-ċirkulari oħra UPM Nru 20/2014 verament ma ġiex ċirkulat.[11] Alexander Schembri spjega hekk:

> "Ic-cirkolarijiet interni li hargu tal-Korp tal-Pulizija kienu tnejn, wahda li tghidlek li fetah il-grievance unit li meta imbaghad tmur fuq il-pagna tal-gvern kienet ghal membri irtiratai, u t-tieni cirkolari li hareg il-Korp tal-Pulizija kienet ghall-estensjoni taz-zmien tal-istess unit li kien ghadu qieghed jilqa' ilmenti minghand membri rtirati. It-tielet cirkolari fejn kienet ghas-serving members il-Korp qatt ma ccirkolaha. Jien ghandi l-lista tac-cirkolarijiet kollha li hareg il-Korp tal-Pulizija fis-sena 2014 fejn ic-cirkolari li nfetah il-grievance unit ghal membri fis-servizz qatt ma giet iccirkolata [...] dawk johorgu fuq l-Intranet tal-pulizija, jigifieri qeghdin hemm fuq il-kompjuter u jista jiccekjahom kulhadd sal-lum".[12] Dwar jekk ingħatatx lilu f'idejh, ix-xhud qal li jista' jkun li għaddewwilu ghax dawk jiġu fl-għassa u fl-uffiċju u titqassam."

Ix-xhud għamel referenza għal *press release* tal-OPM u jgħid li "ic-crikulari li hareg il-Korp tal-Pulizija l-kelma rtirati qataghhom kollha, ikkupjaha kollha c-cirkolari tal-OPM ikkupjata kollha, pero il-kliem irtirati qataghhom kollha l-Korp tal-Pulizija."[13] Ix-xhud hawn ukoll ikkonferma li ċ-ċirkolari 4/2014 u 7/2014[14] ġew iċċirkolati, pero jkompli jgħid li meta għamlu referenza għalihom biex japplikaw il-Ministeru m'aċċettawhomx. Jgħid li kienu dawk in-nies li qagħdu jiġru l-Ministeru li kienu applikaw taħt l-imsemmija ċirkulari.

12. Xehdet permezz t'affidavit **Nicholette Attard** fejn spjegat li hija ingaġġata fil-Korp tal-Pulizija fil-grad ta' kuntistabbli u ilha hemm mill-4 t'Awwissu 1993 u ġiet promossa għal grad ta' Surġent f'Ġunju tal-1996. Ix-xhud tgħaddi sabiex tispjega l-fatti minnhom

[11] Fol 64 et seq tal-proċess.
[12] Fol 71 tal-proċess allegat.
[13] Fol 73 tal-proċess.
[14] Fol 56 – 60 tal-proċess allegat.

allegati li waslu sabiex ħasset il-ħtieġa, flimkien ma' oħrajn, li tiġi ntavolta din l-azzjoni. Tgħid ukoll li hija laħqet ir-rekwiżiti kollha u kienet eliġbbli għal din il-promozzjoni u kien għalhekk li sottometiet l-applikazzjoni tagħha. Hija wkoll tgħid li xxukjat ruħha meta rat il-persuni li kienu nħatru bħala Maġġuri u dan għaliex kien hemm minnhom li kienu laħqu ftit snin qabilha u kienu saru surġenti ferm warajha. Tgħid li ma kinitx taf x'kienet ir-raġuni għaliex ġiet maqbuża għall-promozzjoni li ħasset li kien dritt tagħha u ħasset li kienet ħafna aktar kkwalifikata minn uħud minn dawk il-persuni li laħqu. Ix-xhud ukoll tgħid li hija kelmet lill-Kummissarju Peter Paul Zammit u wkoll kien qalilha li ftit tax-xhur wara kienu ser jiġu promossi aktar maġġuri u li hi kienet waħda minnhom. Tispjega li fis-6 ta' Frar 2014 il-Korp iċċirkula ċirkolari li kienet tindika li twaqqaf Grievances Unit. Taħlef li għamlet il-verifiki tagħha dwar dan il-Bord u kien irriżultalha li dan kien biss għal membri rtirati tas-servizz pubbliku. Kompliet tgħid li hija kelmet lil Ministru Dr Carmelo Ablea dwar din is-sitwazzjoni u kien qalilha li kien biss il-Kummissarju li jista' jsolvi l-problema għaliex huwa kellu s-setgħa li jagħti l-promozzjonijiet. Għaddiet sabiex tagħmel referenza għall-fatt li ġew promossi 8 surġenti fil-5 ta' Mejju 2016 u tgħid li insegwietu għal dan hija għamlet il-verifiki sabiex issir taf għalfejn kienu ġew magħżula dawn is-surġenti u għalfejn hija ġiet mqabuża u kienet informatha li dawn kienu ġew rakkomandati mill-Grievances Unit. Tgħid li hija marret tagħmel ilment li l-Bord kien infetaħ għal membri rtirati u mhux għal membri attrivi, iżda tgħid li ġiet infurmata li fil-25 ta' Settembru 2014 l-OPM ħareġ ċirkulari fejn kien informa lill-membri taċ-Ċivil li l-Grievances Board kien infetaħ għall-membri attivi kollha, ħaġa li hija u l-kollegi tagħha ma kinux infurmati biha. Tgħid li hija kienet ġiet rikonoxxuta b'medalja ta' servizz twil u effiċjenti u għas-servizz tajjeb tagħha. Fis-6 ta' Mejju 2016 hija bagħtet korrispondenza elettronika lill-Aġent Kummissarju Lawrence Cutajar rigward l-inġustizzja minnha sofferta. Fil-11 ta' Mejju 2016 kitbu lis-Segretarju Eżekuttiv tal-PSC sabiex jilmentaw mill-inġusitzzja u diskriminazzjoni li kienet saret fil-konfront tagħhom.[15] Fl-10 ta' Lulju 2016 irċivew risposta mill-PSC li ma setgħax jagħti rimedju u li t-talba tagħhom ġiet magħluqa. Fl-

[15] Ma tresqitx prova li sar ilment quddiem il-PSC.

10 t'Awwissu 2016 resqet flimkien mal-kollegi tagħha ilment quddiem il-Bord tal-Pulizija sabiex jinvetiga l-ilment taggħom iżda kien biss fil-11 ta' Settmebru 2018 li rċevew risposta. Attard ukoll tagħmel referenza għal fatt li kitbu lill-Ombudsman sabiex jinvestiga.[16]

13. Xehed **Gordon Calleja** permezz t'affidavit fejn spjega li huwa ġie ingaġġat fil-Korp tal-Pulizija fil-grad ta' kuntistabbli fl-20 ta' Jannar 1994 u f'April 2001 ġie promoss għal Surġent. Calleja jirrepetti dak li ingħad fir-rikors promotur u wkoll jgħid li ħassu xxukjat meta ra min kien ġie promoss.

14. Xehed **Norman Xuereb** permezz t'affidavit li kkonferma dak li ingħad mix-xhud Alex Schembri. Żied pero li wara li l-laħqu s-surġenti maġġuri fl-2013, huwa ltaqa' mal-Kumissarrju ta' dak iż-żmien Peter Paul Zammit u meta staqsih fuq liema kriterji kienu laħqu, jgħid li r-risposta tiegħu kienet biss 'Tistaqsiniex ghax rabtuli idejja'.

15. In kontro-eżami Norman Xuereb, illum penzjonant, spjega li ċ-ċirkulari huwa qatt ma rahom. Jinsisti li huwa kien jaħdem ġo l-uffiċċju u parti mix-xogħol tiegħu kien li jara l-emails u jinsisti li ċirkulari ta' din ix-xorta huwa qatt ma rċievaha. Jgħid li fuq il-kriterji tal-Kummissarju tal-Pulizija biex jagħżel u d-diskrezzjoni li għandu m'huwiex ser jidħol fiha pero jgħid li meta kien hemm sejħiet, ir-riżultati dejjem ġew ippubblikati u dejjem kienu trasparenti. Jinsisti li inħatru Maġġuri li ma kellhomx il-kredenzjali u kriterji jew l-esperjenza li għandu hu. Ikkonferma li huwa kien membru fl-Assoċjazzjoni tal-Pulizija (MPA).

16. Xehdu **Josephine sive Joyce Bonello**, **Stefan Decelis**, **Mario Fenech**, **Alexandra sive Sandra Galea Sillato**, **George Polidano**, **Oliver Vella**, **Anthony Portelli**, **Geoffrey Attard McCarthy**, **Ivan Caruana**, **Jason Gilson**, **Joseph Zammit**, **Kevin Vella**, **Lambert Zammit**, **Manuel Saliba**, **Nigel Apap** u **Stephen Bezzina** li ilkoll ippreżentaw affidavit

[16] Ma tressqitx prova li sar ilment quddiem l-Ombudsman.

separat u lkoll ikkonfermaw dak li ingħad minn Alex Schembri fl-affidavit tiegħu. In oltre kollha ħalfu li saret diskriminazzjoni fil-konfront tagħhom.

17. Xehdet **Alexandra Sillato** in kontro-eżami li spjegat li llum hija penzjonanta u ħarġet wara 27 sena servizz. Tgħid li hija ma kinitx taf biċ-ċirkulari għax qatt ma rċievithom. Tgħid li l-kwalita fl-għażla hija importanti iżda daqstant ieħor hija importanti l-esperjenza fil-Korp. Tgħid ukoll li huma minnu li kulħadd għandu dritt japplika imma kulħadd iweġa' meta jara ċirkostanzi li jistħoqlu li jintagħżel u ma jintgħażilx filwaqt li oħrajn li ma jixraqilhomx ikunu intgħażlu.

18. Xehed in kontro-eżami **Oliver Vella**, illum penzjonant u ilu li ħareġ mill-Korp mis-sena 2019. Jgħid li l-uniku ċirkulari li rċieva kienet li ħarġu l-applikazzjonijiet għall-post ta' Maġġuri, liema ċirkulari kienet waħda interna. Ikkonferma li huwa kien membru tal-Malta Police Association.

19. Il-legali tal-konvenuti waqt is-seduta tal-4 ta' Mejju 2022 iddikjara li mhux ser jagħmel kontro-eżami tal-atturi kollha għaliex ix-xhieda mogħtija mill-atturi hija kważi identika u għalhekk m'hemmx il-ħtieġa li jsiru l-kontro-eżamijiet tal-atturi, pero b'dan m'għandux jinftiehem li qiegħed jaqbel mat-testimonjanza tal-atturi li mhux qed isir il-kontro-eżami tagħhom.

20. Xehed **Gordon Borg** li jgħid li huwa beda bħala kuntistabbli fis-6 t'April 1995 u ġie promoss għal Surġent fit-12 t'Ottubru 2001. Huwa wkoll jagħmel tiegħu dak li ingħad mix-xhud Alex Schembri għajr għal dik il-parti meta Schembri mar jitkellem dwar din il-kwistjoni u dan peress li huwa ma kienx preżenti. Jinsisti li huwa kellu r-rekwiżiti kemm fuq livell akkademiku kif ukoll l-esperjenza li kellu fis-sezzjoni tiegħu.

21. Xehed **Oliver Cassar** li spjega li huwa beda bħala kuntistabbli f'Ġunju 1996 u sussegwentament promoss għal Surġent f'Ottubru 2001. Huwa wkoll jikkonferma dak

li ingħad minn Alex Schembri għajr għal parti meta huwa mar jitkellem dwar is-stiwazzjoni u dan għaliex huwa ma kienx preżenti għall-istess. Iżid li waqt l-*interview* huwa kien informa lill-membri tal-Bord li huwa kien fil-pussess ta' Diploma (*in Adult Training and Development*) kif ukoll BA (Hons) fil-Kriminoloġija miksuba fl-2012, anke urijhom kopja taċ-ċertifikati, u li kien qiegħed isegwi kors fuq livell masters dwar l-istudji dwar il-familja l-Universita ta' Malta. Spjega li l-prassi kienet li meta jkun hemm riżultati ta' promozzjonijiet, dawn ikunu mwaħħla f'*notice board* li hemm fejn l-entratura prinċipali tal-kwartieri Ġenerali l-Furjana. Jgħid li pero ex-PC92 Victor Mifsud[17] kien infurmah li l-prassi ma kinitx ġiet segwieta u li r-riżultati ma kinux ġew esebiti. Ir-riżultati qatt ma ħarġu għalhekk ħadd ma jaf is-sekwenza tar-riżultati ta' dawn l-intervisti u dan skont ix-xhud, kontra kull proċedura stabilita u li dejjem kienet tiġi segwieta f'okkażjonijiet simili. Cassar ukoll jgħid li huwa ħassu diskriminat.

22. Xehed **Arthur Rizzo** fejn spjega li huwa kien applika darbtjen minbarra fl-2013 u r-riżultati ta' dawk id-darbtejn kienu ħarġu, kien biss tas-sejħa tal-2013 li r-riżultat tagħhom baqa' ma ħariġx. Jgħid li huwa jinsab ixxukjat li għal raġuni li huwa ma jafx ġie maqbuż. Mill-kumplament bħala fatti jikkonferma dak li ingħad minn Alex Schembri għajr li ma kienx miegħu meta Schembri mar jitkellem dwar din il-kwistjoni.

23. Xehed **Jurgen Vella**, stazzjonat it-Taqsima tar-Riżorsi Umani fi ħdan il-kwartieri Ġenerali tal-Pulizija li ppreżenta tlett dokumenti, is-sejħa li ħarġet sabiex jiġu ngaġġati Surġenti Maġġuri, waħda mil-lingwa Maltija u oħra bil-lingwa Ingliża kif ukoll ċirkolari li ħarġet ukoll fl-istess data u ċioe fl-4 ta' Settembru 2013 rigwardanti d-dmirijiet tal-Maġġuri u informazzjoni rigward l-applikazzjoni. Ix-xhud ma kienx f'posizzjoni jgħid jekk l-ewwel ħarġitx ċirkulari imbagħad ftit wara ġiet irtirata u ħarġet oħra stante li ma kienx fit-taqsima tar-riżorsi umani fis-sena 2013. Iżda jgħid li s-soltu dawn it-tlett dokumenti joħorġu f'daqqa. Jgħid li jista' jikkonferma li dawk biss huma d-dokumenti li jġibu n-numru 61/13. Ix-xhud spjega li *order of merits* tinżamm mill-Kummissarju

[17] Qatt ma tela' jixhed.

iżda jkompli jgħid li l-messaġġ li jinħareġ sabiex jinforma lil dawk is-surġenti li ġew promossi, l-ismijiet ikunu skont l-*order of merit* u għadda sabiex ippreżenta kopja tal-*Order of merits*. Ix-xhud ġie mistoqsi x'inhuma l-kriterji sabiex wieħed jieħu l-medalja għal servizz twil u effiċjenti. Huwa r-risponda li l-kriterji joħorġu mill-Att dwar Ġieh ir-Repubblika u ċioe li wieħed irid ikollu kondotta impekkabbli. Jgħid li l-Kummissarju John Rizzo kien ħareġ ċirkulari b'lista ta' kriterji, fosthom li m'hemmx passi dixxiplinarji kontra l-persuna fejn ikun instab ħati u ċioe jitla quddiem board. Jgħid li tkeċċija bħala piena ma tingħatax mill-Bord iżda mill-PSC. Jgħid li bħala piena tista tkun twissija jew sospensjoni ta' sebat ijiem paga jew sebat ijiem xogħol. Jikkonferma li huma baqgħu jimxu fuq l-istess lista. Jispjega wkoll li sabiex wieħed ikun jista' jieħu promozzjoni, hemm limitu ta' kemm ikunu ittieħdu passi dixxiplinarji kontrih. Dan ix-xhud f'seduta sussegwenti ppreżenta il-*personal file* ta' Sandro Magro.

24. In kontro-eżami spjega li huwa kien irċievha email bis-suġġett 'talba skond iċ-ċirkolari UPM 4/2014 u 20/2014' mibgħut mis-Segretarju Eżekuttiv tal-Malta Police Association, dak iż-żmien Johann Mifsud u kien għalhekk infurmahom dwar il-fatt li twaqqaf Grievances Bord.[18] Jgħid ukoll li kien irċieva email b'informazzjoni dwar il-Grieavances Board li twaqqaf fis-sena 2017.

25. Xehed **Stephen Montreal** fejn spjega li huwa kien beda mal-Korp bħala Kuntistabbli fl-14 ta' Diċembru 1979, fl-14 t'Ottubru 1985 sar Surġent u fis-17 ta' Lulju 2005 spiċċa mill-Korp. Sussegwentament fid-19 ta' Lulju 2013 ġie *reinstated*, fil-15 ta' Novembru 2013 applika għal Maġġur u ħa l-promozzjoni dak inhar u fis-16 ta' Marzu 2015 reġa telaq mill-Korp. B'referenza għall-ewwel reżenja jgħid li din seħħet wara 25 sena servizz. Spjega li dak in-nhar li ta n-*Notice* kien cempillu l-Kummissarju John Rizzo u kien infurmah li kien għadda għal Maġġur u kien ser jibgħat id-dokumentazzjoni lil HR sabiex jiġu proċessati. Spjega li huwa ma kienx qed jistenna tali risposta stante li l-inverview kien għamlu 3 snin qabel. Ikkjarifika li huwa meta telaq kien għadda għal

[18] Fol 593 et seq tal-proċess.

maġġur allura meta ġie *reinstated* ippretenda li jkun Maġġur la kien għamel l-interviews u għadda. Jgħid li huwa meta ġie *reinstated* kellu jerġa japplika u dan għaliex fil-*personal file* tiegħu ma kien hemm xejn imniżżel u dan jista' jkun għaliex ma kinitx uffiċċjali li sar Maġġur. Jgħid li lanqas li kien għadda mill-interview ma kien imniżżel. Jgħid li meta ġie *reinstated* lil Kummissarju Peter Paul Zammit kien infurmah li Rizzo kien qalu li ntagħżel għal Maġġur u r-risposta ta' Zammit kienet li kellu jerġa japplika jekk ried isir Maġġur.

26. Xehed **Peter Paul Zammit**, ex-Kummissarju tal-Pulizija. Huwa ġie muri ċ-ċirkulari li nħarġu f'Settembru 2013 rigwardanti l-ħatra ta' Maġġuri u ġie mistoqsi x'kienet ir-raġuni li ħarġu żewġ ċirkulari b'kundizzjonijiet ulterjuri jew differenti u x-xhud spjega li dan sar jekk jiftakar tajjeb għax kien ġie indirizzat mill-PSC jew minn PAHRO sabiex xi affarijiet jiġu ċċarati. Jgħid li l-prassi m'hijiex li tinħareġ ċirkolari oħra iżda li ssir adenda, jew semai tinħareġ ċirkolari oħra ffirmata u b'numru differenti jew b'indikazzjoni għal *cross-reference*. Jikkonferma li f'dan il-każ ma sarx hekk. Ix-xhud jgħid li huwa ma jistax jikkonferma liema waħda miż-żewġ ċirkulari inħarġet l-ewwel, pero jgħid li dawk ir-rekwiżiti ittieħdu in konsiderazzjoni anke jekk ma kinux imniżżlin fis-sejħa u dan jidher anke mill-*interview list*[19]. Ix-xhud jgħid li s-*seniority* ma ttiħditx in konsiderazzjoni waqt l-intervisti iżda ttieħdet in konsiderazzjoni l-esperjenza u dan stante li kien hemm Surġenti li qegħdin jagħmlu xogħol ta' Maġġuri u għalhekk tqis li dawk is-Surġenti kellhom aktar esperjenza minn oħrajn. B'referenza għal *interview list* ix-xhud spjega li fiha jidhru r-rekwiżiti li tqisu mill-bord tal-għażla li huwa kien ċ-Chairman tiegħu. Jgħid li safejn jiftakar kienet lista bl-ismijiet tan-nies li għaddew biss li ġiet ippubblikata. Il-marki mogħtija għal kull rekwiżit ma ġietx ippublikata u m'huwiex normali li jiġu ppublikati. Għall-mistoqsija jekk proċeduri ta' dixxiplina interna jitqisux waqt il-proċess tal-għażla, ix-xhud jgħid li iva normalment jittieħdu in konsiderazzjoni, pero fil-każ odjern ma jiftakarx jekk kienx hemm xi ħadd li ġie promoss u kienu ttieħdu proċeduri dixxiplinarji kontrih.Ix-xhud ikkjarifika li kull

[19] Fol 226 tal-proċess.

rekwiżit huwa importanti, pero ma jistax ikollok surġent li m'huwiex kapaċi jmexxi jiġi promoss għal maġġur sempliċiment għax ilu għaxar snin bħala surġent, jgħid li dan huwa *counter-productive*. Meta ġie mistoqsi jekk kellux xi struzzjonijiet minn xi ħadd biex jiddeċiedi b'mod jew ieħor fil-ħatriet, ix-xhud jinsisti li le.

27. Xehdet **Phyllis Mercieca**, Director Corporate Services fil-Ministeru tal-Intern, li ppreżentat il-*files* tal-*grievances* tat-8 surġenti li ġew promossi fis-6 ta' Mejju 2016. Waqt is-seduta miżmuma fl-4 ta' Diċembru 2019 ix-xhud spjegat li sa fejn taf hi tlettax kienu s-surġenti li għamlu l-ilment tagħhom quddiem il-*Grievances Unit*.[20]

28. Xehed d-**Deputat Kummissarju Dr. Mario Spiteri** fejn ippreżenta *dossiers* tas-Surġenti Maġġuri li laħqu wara li saret rakkomdazzjoni mill-Grievances Unit u kif approvati mis-Central Grievances Unit, ħlief ta' Sandro Magro li baqa' ma nstabx[21]. Meta ġie mistoqsi dwar iċ-ċirkolari tal-2013 li tirrigwarda s-sejħa għall-Maġġuri, ix-xhud jgħid li huwa kien jinsab imsiefer għal xahar dak iż-żmien li nħarġet iċ-ċirkolari in kwistjoni, pero jgħid li jaħseb li kien il-Maġġur Joseph Farrugia li kien id-delgat tiegħu. Jgħid li pero iċ-ċirkularijiet dak iż-żmien kienu joħorġu mid-dipartimenti pero kienu talbu permess għall-ħatriet ta' Surġenti Maġġuri lis-Segretarju Permanenti Ewlieni biex tinħareġ is-sejħa u fit-8 ta' Lulju t-talba ġiet approvata suġġetta għal *clearance* mill-Finanzi. Jgħid li din ingħatat ukoll fit-3 ta' Settembru 2013. Jispjega li s-sejħiet apparti li tiġi ċċirkulata kienet tiġi wkoll *uploaded* fuq il-*Government Intranet*. Meta ġie mistoqsi dwar ċ-Ċirkulari 20/2014, ix-xhud spjega li huwa ġie infurmat li dik iċ-ċirkulari ma kinitx ħarġet, u qed jgħid li ġie infurmat għaliex dak iż-żmien huwa ma kienx jieħu ħsieb iċ-ċirkulari, pero jikkonferma li qabel din kien hemm żewġ ċirkulari oħra li kien ħariġhom hu stess. Ix-xhud jgħid li din iċ-ċirkolari ma ħarġitx mhux b'malintiż iżda kien hemm bdil fil-Kummissarji u ħafna ċaqliq li jista' jkun li ma waslitx għand min kellha tasal. Ix-xhud jinsisti iżda li kienet ċ-ċirkulari 20/14 biss li ma ġietx ċirkulata, pero

[20] Prova ta' din ma tressqitx.
[21] Dan ġie ppreżentat susseggwentament minn Jurgen Vella.

qabilha kien hemm żewġ ċirkulari oħra u ċioe 4/2014 u 9/2014 li ġew ċirkulati. Jgħid li dawn inqasmu billi saru kopji tagħha u tqasmet fil-garzelli tad-distretti u tal-branki individwali imbagħad is-Surġent Maġġur jqassamhom. Meta ġie mistqosi għal minn kienet tapplika ix-xhud jgħid għall-uffiċċjali pubbliċi kollha. Meta ġie mistoqsi jekk bejn l-2013 u l-2018 ħarġitx sejħa oħra għal Maġġuri, ix-xhud jgħid li le. Jgħid li dawk li nħatru wara l-2013 kienu fuq rakkomandazzjoni tal-Grievances Unit. Jgħid li fost dawn li nħattru l-aħħar wieħed minnhom jinsab fit-tmenin post fl-*interview list*. Waqt ix-xhieda mogħtija fl-10 ta' Marzu 2020 ix-xhud ppreżenta l-Avviż Legali 14 tal-1960 u ċioe l-Leġislazzjoni Sussidjarja 164.01. Huwa spjega li Surġent jibda fit-Tielet Klassi u wara 3 snin jitla fit-Tieni Klassi u wara 3 snin f'dik il-klassi jitla fl-Ewwel Klassi, b'total għalhekk ta' 6 snin. Jgħid li l-ħatra fil-klassi l-ġdida tkun mid-data li kellha tibda u ċioe kif jgħaddu 3 snin eżatt u dan sabiex wieħed ma jkollux telf fis-salarju. Il-promozzjoni għall-klassi għal oħra ssir wara li jsir *confidential report*.

29. Xehed ukoll is-**Surġent Maġġur Joseph Farrugia** fejn spjega li sabiex wieħed ikun jista' japplika għall-Maġġur irid ikun Surġent tal-Ewwel Klassi kif ukoll tkun ilek tokkupa l-kariga ta' surġent għal tal-anqas 6 snin. Ix-xhud jagħmel referenza wkoll għal-Leġislazzjoni Sussidjarja 164.01 b'mod partikolari Regolament 5. Jgħid li fir-rigward tas-sejħa tal-2013 huwa kien ingħata struzzjnijiet mill-Kummissarju Peter Paul Zammit sabiex jgħaddi messaġġ bil-ħatra ta' ħmistax-il persuna.

30. Xehed l-**ex Kummissarju tal-Pulizija Michael Cassar** li jgħid li kien f'din il-kariga minn Settembru 2014 sa April 2016. Jgħid li huwa dwar il-każ tal-promozzjonijiet tas-Surġenti għal Maġġuri tal-2013 huwa ma daħalx fiha għalkemm jikkonferma li s-sejħa saret. Jgħid li quddiemu qatt ma waslu rakomandazzjonijiet mill-Grievances Unit. Jikkonferma wkoll li huwa qatt ma kellu indħil amministrattiv.

31. Xehed l-**ex-Kummissarju tal-Pulizija Lawrence Cutajar** li żamm il-kariga bħala Aġent mis-27 t'April 2016 u fl-1 t'Awwissu 2016 inħatar bħala Kummissarju u dam fil-kariga

sas-16 ta' Jannar 2020. Huwa jgħid li ftit wara li sar Kummissarju kienu waslu quddiemu numru ta' deċiżjonijiet li ttieħdu mill-grievances unit rigwardanti promozzjonijiet ta' maġġuri. Jgħid li huwa mexa fuq ir-rakomandazzjonijiet mogħtija lilu mill-imsemmi Unit u ċioe li minn Surġenti jitilgħu Maġġuri u minn Kuntistabbli jitilgħu Surġenti. Jgħid li fis-sena 2019 ħarġet sejħa oħra sabiex Surġenti jiġu promssi għal Maġġuri pero jaf li kien hemm numru t'applikazjzonijiet iżda ma jafx x'kien l-eżitu tagħhom. Meta ġie mistoqsi jekk kinux marru jkellmuh xi Surġenti qabel infetħet din il-kawża x-xhud jgħid li ma jiftakarx. Jgħid li wieħed jista' jagħmel l-ilment tiegħu mal-Gireanves Unit meta jrid għaliex dan huwa dejjem imwaqqaf. Meta ġie mistoqsi jekk huwa kellux indħil dwar liema nies kellhom jinataw l-promozzjoni huwa jgħid li le, pero kien hemm kawża pendenti li żammitu milli jkompli jimxi 'l quddiem. Meta ġie mistoqsi jekk huwa ċċekjax f'liema post kienu jinsabu fl-*interview list* qabel għamel il-promozzjonijiet kif rakkomandati mill-Grievances Unit, ix-xhud jgħid li jekk raha huwa ma jiftakarx pero jgħid li huwa mexa mad-deċiżjoni li ħa l-Grievances Unit. Jippreċiża li mhux hu kien li ħareġ is-sejħa fl-2013 u lanqas kien involut fil-promossjonijiet ta' Novembru 2013.

32. L-atturi lkoll ippreżentaw prospetti ta' danni li jinsabu a fol 451 et seq tal-proċess, liema prospettk huma maħduma a bażi ta' skali u dokumenti oħra li jinsabi bejn fol 484 u 512.

33. L-ewwel affidavit imressaq mill-konvenuti huwa dak tal-i**Spettur Jurgen Vella** fejn spjega li fl-4 ta' Settmebur 2013 inħarġet ċirkulari b'sejħa għall-post ta' Surġenti Maġġuri tat-tieni klassi fid-dipartiment tal-Pulizija.[22] Fl-istess data u bl-istess numru ta' ċirkulari u bl-istess titolu ħarġet sejħa oħra bid-differenza li "fl-ewwel waħda ma kienx hemm rekwiżiti t'eliġibilita, filwaqt li fis-sejħa segwenti kien hemm indikat li l-applikanti jridu jkunu fir-rank ta' Surġenti tal-Ewwel Klassi u li kienet ser tingħata

[22] Fil-file ta' Mario Mifsud bl-ilment tiegħu lill-Grievances Unit, il-Qorti iltaqat maċ-ċirkulari 113/2008 li kienet sejħa li saret fit-8 t'Awwisu 2008 bit-titolu 'Surġenti Maġġuri tat-Tieni Klassi'. Il-Qorti tinnota li din is-sejħa kienet identika għaċ-ċirkolaru li skont l-attur ħarġet it-teni iżda skont il-konvenuti ħarġet l-ewwel.

konsiderazzjoni xierqa lil dawk l-applikanti li jkollhom esperjenza ta’ xogħol relevanti u ppruvata marbuta ma’ din is-sejħa.”[23] L-intervisti saru bejn it-8 u l-10 t’Ottubru 2013. Fit-13 ta’ Novembru 2013 inħareġ messaġġ intern sabiex l-ewwel tlettax-il applikant jinħatru Surġenti tat-Tieni Klassi kif ukoll Surġent tal-Ewwel Klassi u l-ħatra seħħet b’effett mill-15 ta’ Novembru 2013. Sussegwentament fl-2014 bis-saħħa taċ-Ċirkulari tal-Uffiċċju tal-Prim Ministru bin-numru 4/2014 twaqqaf Bord tal-Inġustizzji li kien investiga diversi lmenti marbutin ma’ din is-sejħa. Impjegati u uffiċjali pubbliċi kienu ġew infurmati li setgħu jresqu l-ilment tagħhom quddien dan il-bord kemm-il darba ħassew li saret inġustizzja magħhom. B’ċirkulari oħra il-perjodu għall-ilment ġie estiż. Jaħlef li dawn iċ-ċirkulari ġew iċċirkolati. Ix-xhud jgħid li mir-riċerka li huwa għamel, kien hemm diversi uffiċċjali li ressqu l-ilment tagħhom quddien dan il-bord u ħadu rimedju billi nħatru Maġġuri tal-ewwel u t-tieni klassi. Jgħid li pero ħadd mill-atturi ma ressaq xi lment quddien dan il-Bord. Jgħid li l-1 ta’ Diċembru 2017 permezz ta’ Ċirkulari tal-Uffiċċju tal-Prim Ministru bin-numru 24/2017 liema ġiet ċirkulata mal-membri tal-Korp jirriżulta li kien twaqqaf Bord tal-inġustizzji ieħor. Jgħid ukoll li minn verifiki li huwa wettaq irriżulta li l-atturi kienu ressqu ilment quddien dan il-Bord u dan kien stħarreġ l-ilment minħabba li kien anke talab għad-*dossiers* tal-atturi konċernati iżda minkejja dan, ix-xhud jgħid li ma sabx il-konklużjonijiet tal-Bord. Fl-10 ta’ Mejju 2019 permezz ta’ ċirkulari li jġibu n-numru 16/2019 u 17/2019 kienu inħarġu żewġ sejħiet għas-Surġenti Maġġuri tal-Ewwel Klassi u t-Tieni Klassi rispettivament. Dawn is-sejħiet kienu għalqu fis-6 ta’ Ġunju 2019 iżda għal raġuni li huwa m’huwiex konxju tagħha, din is-sejħa ġiet irtirata.

34. **Charmaine Busato** spjegat li hija d-Direttur fil-*People, Support & Wellbeing, People & Standards Division*, fi ħdan l-Uffiċċju tal-Prim Ministti. Hija kkonfermat li ċ-ċirkulari kollha li jinħarġu mis-Servizz Pubbliku jintbagħtu lill-ħaddiema kollha li jaħdmu fi ħdanu permezz ta’ email u li kull ħaddiem jirċievih fuq l-email address tax-xogħol tiegħu. B’referenza għaċ-ċirkulari UPM Nru 4/2014 u UPM Nru 20/2014, ix-xhud tgħid

[23] Fol 547 tal-proċess.

li ntużat l-istess proċedura biex inħarġu dawn iċ-ċirkulari. Tkompli tgħid li skont taqsima 5.1 tal-PSMC jgħid li *'A hard copy is to be circulated and duly signed by those employees who do not have an e-mail account to confirm that they have read the particular circular.'*[24]

35. Xehdet **Dr. Myrna Azzopardi**, Assistant Direttur fi ħdan *People, Support & Wellbeing, People & Standards Division* fejn spjega li fit-12 ta' Diċembru 2017 Alexander Schembri ressaq l-ilment tiegħu rigwardanti l-ħatriet ta' Maġġuri li seħħu fis-sena 2013 u 2016 quddiem il-Grievance Unit u dan wara li fl-2017 ġie stabbilit Grievances Board li huwa differenti mill-Grievances Unit tal-2014. Tgħid li ma jistax jingħad li hija estenzjoni tal-Grievnaces Unit tal-2014. Tgħid li din iċ-ċirkolari tintbagħat lil kull email inbox ta' kull uffiċċjali pubbliku. Tgħid li fl-20 ta' Settembru 2018, b'ittra ffirmata mis-Segretarju Permanenti *People and Standards,* Schembri ġie infurmat li l-ilment tiegħu kien ser jiġi pproċċesat mill-*People and Standards Division* u dan anke għaliex l-ilment tiegħu ma kienx jaqa taħt it-termini taċ-ċirkulari tal-2017 stante li l-każ tiegħu seħħ wara Marzu 2013. Fis-27 ta' Settembru huwa staqsa x'kienet ir-raġuni li l-ilment tiegħu ma kinitx ser tiġi mistħarrġa. Spjegat ukoll li għalkemm ippruvaw min-naħa tagħhom jaraw l-ilment, huma ma setgħux ikomplu jsegwuh u dan għaliex kien hemm każ miftuħ il-Qorti, li hija kriterju wkoll fiċ-ċirkulari u b'dan ġie infurmat fit-2 ta' Mejju 2019 iffirmata mic-*Chairperson Greivances Board* u mill-istess Segretarju Permanenti. In kontro-eżami ġiet mistoqsija kemm ilha s-sistema li ċ-ċirkulari jitqassmu permezz t'email u x-xhud tgħid li ma tafx pero hemm *records* li jmorru lura mill-bidu tas-snin 2000.

Ikkunsidrat;

---

[24] Fol 549 tal-proċess.

**Fatti Rilevanti.**

36. Mill-qari tal-atti jirriżultaw is-segwenti fatti rilevanti.

37. Fl-4 ta' Settembru 2013 taħt it-tmexxija tal-Kummissarju tal-Pulizija Peter Paul Zammit ħarġet sejħa għal mili tal-'Post ta' Surġent Maġġuri tat-Tieni Klassi fid-Dipartment tal-Pulizija fil-Ministeru tal-Intern u s-Sigurta Nazzjonali', bin-numru taċ-Ċirkulari 61/2013. Fl-istess ġurnata bl-istess numru ta' ċirkulari inħarġet l-istess sejħa bit-titolu 'Surġenti Maġġuri tat-Tieni Klassi'. Id-differenza bejn dawn iż-żewġ sejħiet hija li l-ewwel ċirkulari hawn imsemmija kienet tinkludi fiha dettalji dwar ir-rekwiżiti tal-eliġibbilita, informazzjoni dwar is-sottomissjoni ta' dokumentazzjoni u wkoll informazzjoni dwar il-proċedura tal-għażla. Dawn il-kategorji ma kinux inklużi fit-tieni ċirkulari hawn fuq imsemmija. Skont l-atturi l-ewwel ċirkulari li ħarġet kienet dik li kienet tinkludi fiha dettalji dwar ir-rekwiżiti tal-eliġibbilita, filwaqt li l-konvenuti jinsistu li fil-fatt dik kienet l-aħħar ċirkulari li ħarġet u dan wara li l-PSC jew il-PAHRO talab kjarifika fis-sejħa. Bbħala fatt jirriżulta mill-file ta' Mario Mifsud bl-ilment tiegħu lill-Grievances Unit li s-sejħa mingħajr dettalji dwar ir-rekwiżiti tal-eliġibbilita hija identika għaċ-ċirkulari 113/2008 li kienet sejħa li saret fit-8 t'Awwisu 2008 bit-titolu 'Surġenti Maġġuri tat-Tieni Klassi'.

38. Bejn it-8 u l-10 t'Ottubru 2013 saru l-intervisti tal-applikanti li b'kollox kien hemm 92-il applikazzjoni. F'Novembru 2013 ħarġet il-lista ta' dawk l-applikanti li kienu ntagħżlu li kienu b'kollox tlettax (13).

39. Sussegwentament fil-5 ta' Frar tal-2014 mill-Uffiċċju tal-Prim Ministru ħarġet iċ-Ċirkulari 4/2014 bit-titolu 'Twaqqif ta' 'Grievances Units'. Iċ-ċirkulari kienet tipprovdi testwalment is-segwenti:

> "Qed ikunu mwaqqfa 'Grievances Units' sabiex jilqgħu u jistħarrġu talbiet li jiġi mressqa quddiemhom minn uffiċjali jew impjegati pubbliċi li jħossu li saret xi inġustizzja magħhom, sabiex imbagħad, f'każ ta' talbiet ġustifikati, jagħmlu rammonadazzjonijiet intiżi biex jissewwew dawk l-inġustizzji. Kull 'Unit' ser tkun magħmula minn bord f' Ministeru jew grupp ta' Ministeri.
>
> Il-'Unit' ser tkun qed tistaħħreġ kull talba pprezentata quddiemha. Kull talba għandha tiġi mressqa mill-uffiċjal jew impjegat milqut mill-istess talba. Il-'Unit' ser tkun qed tistħarreġ dawk l-allegati inġustizzji li allegatament ikunu seħħew fil-konfront ta' min ressaq it-talba, tul is-seba' snin ta' qabel tkun tressqet it-talba. Ser tistħarreġ ukoll dawk it-talbiet imressqa minn uffiċjali jew impjegati pubbliċi li matul is-seba' snin ta' qabel tressqet it-talba jkun allegatament batew konsegwenzi minn allegati inġustizzji li jkunu seħħew fil-konfront tagħhom qabel dan il-perjodu stipulat."[25]

Indikat ċar fl-istess ċirkulari hemm li Grievances Unit ser tkun qiegħda tkopri fost oħrajna il-Ministeru għall-Intern u s-Sigurta Nazzjonali.

40. Din iċ-ċirkulari ġiet estiża b'ċirkulari oħra wkoll maħruġa mill-Uffiċju tal-Prim Ministru bin-numru 9/2014 datata 11 ta' Marzu 2014 u bit-titolu "Twaqqif ta' Grievances Units' – Estensjoni tat-talbiet'. Ġie preċiżat f'dini ċ-ċirkulari li t-termini u l-kundizzjonijiet taċ-Ċirkulari tal-Uffiċju tal-Prim Ministru Nru 4/2014 ser jibqgħu l-istess.[26]

41. Dawn iż-żewġ ċirkulari ġew imqassma lill-Pulizija kollha, u dan anke huwa kkonfermat mill-atturi.

---

[25] Fol 301 tal-proċess.
[26] Fol 302A tal-proċess.

42. Fil-25 ta' Settembru 2014 l-Uffiċċju tal-Prim Ministru ħareġ 'It-tieni sejħa għal talbiet biex jiġu mistħarrġa mill-'Grievances Units', bin-numru 20/2014. Bħall-ewwel sejħa li saret fi Frar 2014, din iċ-ċirkulari ppreċiżat li "Kull talba għandha tiġi mressqa mill-uffiċjal jew impjegat milqut mill-istess talba." Din ukoll kellha l-Ministru għall-Intern u s-Sigurta Nazzjonali bħala wieħed mill-Ministeri li l-Grievances Units kienet tkopri. It-talbiet taħt din iċ-ċirkulari kellhom jaslu għand il-Grievances Units bejn id-29 ta' Settembru 2014 u l-31 t'Ottubru 2014. Dan iċ-ċirkulari iżda baqa' qatt ma ġie imqassam lill-Pulizija u dan anke ikkonfermat mid-Deputat Kummissarju Dr. Mario Spiteri.

43. Bejn Settembru tal-2014 u April 2016 Michael Cassar kien jokkupa l-kariga ta' Kummissarju tal-Pulizija. F'April 2016 laħaq Aġent Kummissarju Lawrence Cutajar li sussegwentament f'Awwissu 2016 sar Kummissarju tal-Pulizija u dam f'din il-kariga sa Jannar 2020.

44. F'Mejju 2016 ġew ingaġġati tmien (8) Surġenti Maġġuri oħra u ċioe lil PC 679 Saviour Camilleri, WPS 40 Isabelle Camilleri, PS 645 Gerald Attard, PS 201 Sandro Magro, PS 1067 Mario Spiteri, PS 849 Ivan Curmi, PS 1181 Eugenio Caruana u PS 564 Mario Mifsud. Dawn il-ħatriet saru wara li l-imsemmija ġew rakkomandati mill-Grievances Units[27].

| **Isem is-Surġenti Maġġuri maħtura f'Mejju 2016** | **Post wara l-intervista** | **Data tal-applikazzjoni quddiem il-Grievances Unit** |
|---|---|---|
| PS 679 Saviour Camilleri | 78 | 4 ta' Marzu 2014 |
| WPS 40 Isabelle Camilleri | 80 | 3 ta' Marzu 2014 |
| PS 645 Gerald Attard | 83 | 7 ta' Marzu 2014 |
| PS 201 Sandro Magro | 62 | 21 ta' Marzu 2014 |

[27] Dwar l-irwol tal-Grievances Unit ara **Anthony Bugeja vs. Grievances Board ghall-Ufficjali Pubblici et** deċiża mill-Qorti tal-Appell (sede Superjuri) fil-31 ta' Mejju 2023.

| | | |
|---|---|---|
| PS 1067 Mario Spiteri | 81 | 3 ta' Marzu 2014 |
| PS 849 Ivan Curmi | 40 | 12 ta' Marzu 2014 |
| PS 1181 Eugenio Caruana | N/A (ilment relatat ma' sejħa tal-2010) | 14 ta' Frar 2014 |
| PS 564 Mario Mifsud | N/A (ilment relatat ma' sejħa tal-2008) | 21 ta' Marzu 2014 |

45. Jidher mill-atti li insegwitu għal din il-ħatra, l-atturi ħassewhom aggravati u kien għalhekk li f'Marzu 2017 ippreżentaw rikors fejn talbu l-ħruġ ta' Mandat t'Inibizzjoni bin-numru 412/2017 fl-ismijiet **Alexander Schembri et vs. Kummissarju tal-Pulizija et** fejn talbu lill-Qorti iżomm lill-konvenuti milli "jibdew jew jissoktaw bil-process tal-hatra ghall-ghazla ta' surgenti magguri fil-Korp tal-Pulizija"[28] u għaddew sabiex jispjegaw għalfejn dan kellu jsir. B'digriet tas-6 t'April 2017 din il-Qorti diversament presjeduta ċaħdet it-talba tal-atturi u dan wara li għamlet b'mod partikolari s-segwenti osservazzjonijiet:

"Tqis li l-jedd prima facie li fuqu jistrieħu r-rikorrenti huwa dak li ma jsir l-ebda proċess tal-għażla fil-mili fil-grad ta' surġenti maġġuri fil-Korp sakemm il-Bord tal-Pulizija jkun qies l-ilment li huma ressqu quddiemu. L-għaref difensur tagħhom argumenta li jekk kemm-il darba kellha ssir sejħa bħal dik f'dak il-grad, l-ilment tagħhom jinġieb fix-xejn, għaliex ħaddieħor jista' jingħata l-ħatra minflokhom u jaqbiżhom;

Tqis li r-rikorrenti jgħidu wkoll li l-jedd li huma jridu jħarsu jissejjes fuq il-fatt li diġa' nstab li l-proċess tal-ħatra mniedi fl-2013 kien milqut minn irregolaritajiet u ġab miegħu inġustizzja bi ħsara għalihom, bir-riżultat baqa' sal-lum mhux pubblikat u magħruf;

[28] Fol 1 tal-proċess allegat.

Tqis li t-tħassib tar-rikorrenti ma jissarrafx, waħdu, f'jedd li joħroġ mad-daqqa t'għajn. Fl-ewwel lok, ma huwa għaddej l-ebda proċess ta' sejħa tal-mili tal-grad. Mill-provi li r-rikorrenti nfushom ressqu quddiem din il-Qorti, ma ħareġ xejn li jsejjes il-jedd tagħhom mad-daqqa t'għajn biex jiġġustifika l-ħruġ tal-Mandat. Fit-tieni lok, il-proċess tas-sejħa li minnha jilmentaw kien intemm qabel il-ħruġ tal-Mandat u għalhekk ma jistax isejjes jedd "*prima facie*" [P.A. RCP **23.7.2001** fl-atti tar-Rikors għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni fl-ismijiet ***James Pearsall et noe vs Maurice Żarb Adami et*** noe] biex jinħareġ il-Mandat minnhom issa mitlub. Fit-tielet lok, biex jista' jingħad li hemm jedd li jistħoqqlu l-ħarsien bil-ħruġ ta' Mandat bħal dan, huwa stabilit li ma "*jkunx jista' jingħad, għall-finijiet tal-ħruġ tal-mandat, illi d-dritt prima facie jispetta lir-rikorrent jekk prima facie ikun jidher fl-istess ħin illi l-pretensjoni dwar dak l-istess dritt mhix kapaċi li tiġi dedotta in ġudizzju quddiem qorti*" [P.A. PS **27.6.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Victor Vassallo vs Edwin Bartolo noe et***]. F'dan ir-rigward, il-fatt li jinħareġ il-Mandat biss sakemm il-Bord tal-Pulizija jiddeċiedi l-ilment tar-rikorrenti ma jidhirx mad-daqqa ta' għajn li jista' jissarraf f'xi forma ta' azzjoni li l-istess rikorrenti jkunu jistgħu jniedu b'suċċess f'kawża quddiem xi qorti;"

46. Fit-28 ta' Novembru 2017 l-Uffiċċju tal-Prim Ministru b'ċirkulari numru 24/2017 avża li ġie "Imwaqqaf Grievances Board għall-Uffiċjali Pubbliċi'. Iċ-ċirkulari, għalkemm tgħid li hija 'It-tielet u l-aħħar sejħa għal investigazzjoni', il-Qorti tinnota li l-kundizzjonijiet huma kemmxejn differenti mis-sejħiet preċedenti u fil-fatt dan l-aħħar ċirkulari jipprovdi li:

"Il-Grievances Board ser ikun qed jistħarreġ kull talba ppreżentata quddiemu u li tkun skont il-kundizzjonijiet stabbiliti. Kull talba għandha titressaq mill-uffiċjal pubbliku jew eks uffiċjali pubbliċi milquta mill-istess talba. Il-Bord ser ikun qed jistħarreġ dawk l-allegati inġustizzji li allegatament ikunu seħħew fil-konfront ta' min ressaq it-talba tul is-seba' snin ta' <u>qabel Marzu 2013</u>. Ser jistħarreġ ukoll dawk

it-talbiet imressqa minn uffiċjali pubbliċi li matul is-seba' snin ta' qabel Marzu 2013 ikunu allegatament batew konsegwenzi minn allegati inġustizzji li jkunu seħħew fil-konfront tagħhom qabel dan il-perjodu stipulat."[29]

47. L-attur Alexander Schembri fit-12 ta' Diċembru 2017 resssaq l-ilment tiegħu quddiem l-imsemmi Grienvances Unit pero t-talba tiegħu sussegwentament ġiet miċħuda kemm mill-Grievnaces Unit kif ukoll mill-*People and Standards Division* u dan stante li l-ilment tiegħu kien jirrigwarda avveniment li seħħ wara Marzu 2013 – kundizzjoni li ġiet introdotta f'din iċ-ċirkulari u ma kinitx inkluża fiċ-ċirkulari ta' qabilha – u wkoll għaliex kien hemm każ pendenti quddiem il-Qorti.

48. Il-każ pendenti li sar referenza għalih mill-*People and Standards Division* u l-Grienances Unit kien propju l-każ odjen, fejn Alexander Schembri flimkien m'oħrajn fit-12 ta' Diċembu 2017 kienu ressqu din l-azzjoni jilmentaw li l-proċess tal-għażla kien fih in-nuqqasijiet u kien għalhekk li kien hemm uħud li ngħataw rimedju filwaqt li huma ma ġewx mogħtija l-istess rimedju u għalhekk ġew diskriminati.

49. Fiċ-ċirkostanzi huwa relevanti jiġi determinat il-post li fiha kienu l-atturi wara li saritilhom l-intervista bejn it-8 u l-10 t'Ottubru:

| **Isem l-applikant attur** | **Post wara l-intervista** |
|---|---|
| PS 1330 Alexander Schembri | 33 |
| PS 1122 Arthur Rizzo | 24 |
| PS 1152 Manuel Saliba | 39 |
| PS 426 Anthony Portelli | 25 |
| PS 1243 George Polidano | 77 |
| PS 1298 Lambert Zammit | 44 |
| PS 1044 Gordon Calleja | 56 |
| PS 1137 Kevn Vella | 71 |
| ĠS 165 Jason Gilson | 47 |

[29] Sottolinear tal-Qorti.

| | |
|---|---|
| PS 494 Gordon Borg | 28 |
| PS 1543 Oliver Cassar | 21 |
| PS 1268 Ivan Caruana | 82 |
| PS 977 Joseph Zammit | 20 |
| PS 697 Nigel Apap | 48 |
| PS 1225 Mario Fenech | 74 |
| PS 266 Stefan Decelis | 26 |
| PS 1437 Norman Xuereb | 57 |
| PS 746 Geoffrey McCarthy | 45 |
| PS 112 Oliver Vella | 59 |
| WPS Joyce Bonello | 53 |
| WPS 131 Nicolette Attard | 18 |
| WPS Alexandra Galea Sillato | 14 |
| PS 8 Steve Bezzina | 19 |
| PS 1479 Andrew Kelly | 63 |

Ikkunsidrat

50. Mill-qari tar-rikors promotur jirriżulta li l-kontestazzjoni tirrigwarda l-proċess tal-għażla u r-rimedju mogħti lill-uħud mis-Surġenti u dan skont is-segwenti premessi:

"P. Illi jirrizulta li l-promozzjonijiet li nhargu fil-5 ta' Mejju 2016, fil-fatt nhargu sabiex ssir gustizzja ma dawk l-istess persuni [...] fir-rigward ta' ingustizzja li l-istess persuni soffrew bhala rizultat dirett tal-mod mhux trasparenti u ngust [...] li bih tmexxa l-istess process tal-ghazla ghall-promozzjonijiet, f'4 ta' Settembru 2013, liema process, stante li sallum ghadu ma hareg ebda tip ta' rizultat u wisq inqas ma l-intimat, Kummissarju tal-Pulizija ma kkomunika b'ebda mod mal-istess rikorrenti f'dan ir-rigward, u ai fini u effetti kollha tal-ligi, ghandu jitqies bhala li ghadu mhux mitmum;

Q. Illi dawn in-nuqqasijiet fil-process tal-ghazla tal-4 ta' Settembru 2013, gew rikonoxxuti anke mill-istess intimat, Kummissarju tal-Pulizija;

R. Illi fil-fatt kien ghalhekk hu stess offra rimedju sabiex din l-ingustizzja tigi ndirizzata fil-konfront tal-persuni ndikati fid-Dokument E anness [u ċioe l-ħatriet li saru f'Mejju 2016];

S. Illi gara li r-rimedju offrut mill-intimat, Kummissarju tal-Pulizija, gie offrut b'mod selettiv u diskriminatorju bir-rizultat li r-rikorrenti li l-posizzjoni taghhom kienet identika mal-posizzjoni tal-persuni ndikati fid-Dokument E anness, gew skartati, ma gew offruti ebda rimedju;

T. Illi fil-fatt ir-rikorrenti lanqas biss ma gew nfurmati bl-offerta li l-intimat, Kummissarju tal-Pulzija ghamel lill-persuni msemmija f'Dokument E;

U. Illi dan kellu r-rizultat li l-istess rikorrenti soffrew diskriminazzjoni, liema diskriminazzjoni effettwatilhom u qed teffettwalhom kemm l-prospetti ta' promozzjoni fl-istess Krop tal-Pulizij, kif ukoll l-introjtu taghhom b'mod negattiv u preguzzjali ghalihom;

V. Illi jirrizulta li l-fatti li saru riferenza ghalihom aktar il-fuq fir-rigward tal-process kollu tal-ghazla ghall-postijiet fuq msemmija, li rizultat taghhom l-persuni msemmija fid-Dokument 'E' fis-6 ta' Mejju 2016, nghataw rimedju, jghoddu ukoll b'mod identiku ghall-posizzjoni tal-protestanti, bid-differenza izda li dawn tal-ahhar baqgħu sal-gurnata tal-lum ma gew offruti ebda rimedju u fil-fatt ghadhom sallum jsoffru min ngustizzja u diskriminazzjoni fil-konfront taghhom da parti tal-Kummissarju tal-Pulizija u l-Ministeru tal-Intern u Sigurta;"[30]

[30] Fol 6 – 7 tal-proċess.

**Eċċezzjoni Preliminari**

***Leġittimu kontradittur***

51. Bis-saħħa tal-ewwel eċċezzjoni il-konvenuti qeghdin jitolbu lill-Qorti tillibera mill-osservanza tal-ġudizzju lil Prim Ministru, lil Ministru għall-Intern u s-Sigurta Nazzjonali u l-*Independent Police Complaints Board* u dan ai termini tal-Artikolu 181B. Jispjegaw li l-ebda wieħed minn dawk imsemmijin ma kienu involuti bl-ebda mod fil-proċess tal-ħatra tas-Surġenti Maġġuri fi ħdan il-Korp tal-Pulizija.

52. L-**Artikolu 181B tal-Kapitolu 12** jipprovdi li

> "(1) Il-Gvern għandu jkun rappreżentat fl-atti u fl-azzjonijiet ġudizzjarji mill-kap tad-dipartiment tal-gvern li jkun inkarigat fil-materja in kwistjoni."

53. Mill-qari ta' dan l-artikolu jirriżulta ċar li l-għan tiegħu huwa li fi proċeduri ġudizzjarji l-Gvern ikun rappreżentat mill-Kap tad-Dipartiment involut.

54. Sabiex il-Qorti tkun tista' tasal għad-deċiżjoni tagħha fir-rigward ta' min għandu *locus standi* f'dawn il-proċeduri jeħtieġ li primarjament tirreferri għat-talbiet attriċi. Fil-każ odjern l-atturi indirizzaw l-ewwel tlett talbiet dikjaratorji fil-konfront tal-Kummissarju tal-Pulizija biss, fir-raba' talba qegħdin jitolbu lil din il-Qorti tordna lill-konvenuti jew min minnhom sabiex jittieħdu l-proċeduri neċessarji sabiex huma jingħataw rimedju, il-ħames talba tirrigwarda dewmien fil-proċess tal-għażla u dewmien min-naħa tal-Bord tal-Pulizija sabiex jagħti d-deċiżjoni tiegħu, sussegwentament intalbet dikjarazzjoni li soffrew danni u sabiex jiġu likwidati l-imsemmija danni u l-konvenuti jew min minnhom jiġu ordanti jħallsu d-danni.

55. Bħala punt tat-tluq fil-konsiderazzjoni ta' din l-eċċezzjoni preliminari l-Qorti tagħmel referenza għal *Instruction of Delegation* tas-sena 1966, kopja ta' liema ġiet ippreżentata mill-konvenuti li bis-saħħa tagħha il-Kummissarju tal-Pulizija ingħata s-setgħa mill-Prim Ministru sabiex jingaġġa pulizija taħt il-grad ta' Spettur:

> "*I, GIORGIO BORG OLIVER, Doctor of Laws, Doctor of Literature (Honoris Causa), Prime Minister, in exercise of the powers conferred by section 113 of the Constitution, do hereby direct that power to make appointments to offices in the Malta Police Force below the rank of Sub-Inspector shall be exercisable by the Commissioner of Police*."[31]

56. Din il-Qorti iżda tosserva li nonostante li hemm din id-delega, il-Korp tal-Pulizija ġie informat li l-ħatriet għal Surġenti Maġġuri kif rakkomandati mill-Grievances Unit kienu jeħtieġu l-approvazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku (PSC). Fil-fatt kien b'ittra datata s-27 t'April 2016 li s-Segretarju Permanenti ġie informat li r-rakkomandazzjoni tal-PSC ġiet approvata mill-Prim Ministru fl-20 t'April 2016.

57. F'dan ir-rigward ingħad fil-ġurisprudenza nostrana li l-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku tagħmel biss rakkomandazzjonijiet lill-Prim Ministru u li min-naħa tiegħu, il-Prim Ministru, jeżerċita l-funzjoni tiegħu skond dik ir-rakkomandazzjoni, salv għal fakolta' mgħotija lilu li jibgħat ir-rakkomandazzjoni lura lill-Kummissjoni għar-rikonsiderazzjoni u sussegwentement jkun marbut bid-deċiżjoni tagħha.[32] Għaldaqstant jirriżulta li l-konvenut Prim Ministru kellu involviment fil-promozzjoni tas-Surġenti Maġġuri li ingħataw l-imsemmij promozzjoni f'Mejju 2016.

---

[31] Fol 35A tal-proċess.

[32] Ara Artikolu 86 tal-Kostituzzjoni. Ara wkoll **David Gatt vs. Prim Ministru et** deċiża mill-Qorti tal-Appell (sede Superjuri) fis-6 ta' Settembru 2010 kif ukoll **Grace Gatt vs. Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku et** mogħtija mill-Qorti Kostituzzjonali fit-12 ta' Frar 2016.

58. Fir-rigward tal-Ministru tal-Intern u s-Sigurta, il-Qorti ssib li dan huwa leġittimu kontradittur stante li l-Grievances Unit li ġiet stabbilita permezz ta' ċirkolari mill-Uffiċċju tal-Prim Ministru, hija entita li għaliha huwa responsabbli s-Segretarju Permanenti fi ħdan il-Ministeru relevanti. Ġaladarba is-Segretarju Permanenti ma ġiex imħarrek, ir-rappreżentanza tal-Gvern hija fil-Ministru. Fid-dawl ta' dan il-Qorti għalhekk tqis li *prima facie* jidher li l-Ministru huwa leġittimu kontradittur.

59. Finalment fir-rigward tal-*Independent Police Complaints Board*, il-Qorti tibda billi tagħmel referenza għall-Artikolu 108A tal-Att dwar il-Pulizija (Kapitolu 164) li jaqra kif isegwi:

> "(1) Kull inkjesta, ilment, proċedimenti jew proċeduri oħra li sa issa ġew ippreżentati, istitwiti jew segwiti quddiem il-Bord tal-Pulizija qabel id-dħul fis-seħħ ta' dan l-Att, li kienu validi fil-mument meta tali inkjesta, ilment, proċedimenti jew proċeduri kienu ppreżentati, istitwiti jew segwiti għandhom jibqgħu validi wara d-dħul fis-seħħ ta' dan l-Att.
>
> [...]
>
> (3) Id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att għandhom japplikaw għal kull proċedura li kienet pendenti quddiem il-Bord tal-Pulizija u li fid-data tad-dħul fis-seħħ tal-Att kienet għadha pendenti u ma ġietx finalment konkluża.
>
> (4) Il-kawżi kollha li kienu pendenti quddiem il-Bord tal-Pulizija għandhom jitkomplew quddiem il-Bord tal-Ilmenti Indipendenti tal-Pulizija."

Ifisser għaldaqstant li l-Bord tal-Ilmenti Indipendenti tal-Pulizija ħa post il-Bord tal-Pulizija.

60. Il-ħames talba tal-atturi hija indirizzata direttament lill-Bord tal-Pulizija, illum il-Bord tal-Ilmenti Indipendenti tal-Pulizija, u għaldaqstant ċertament li f'dan l-istadju jidher li l-imsemmi Bord għandu l-leġittimazzjoni passiva li jkun konvenut f'din l-azzjoni.

61. Il-Qorti għalhekk qed tiċħad l-ewwel eċċezzjoni preliminari tal-konvenuti.

Ikkunsidrat;

**Il-bażi tal-azzjoni flimkien mal-mertu**

62. Permezz tat-tieni eċċezzjoni tagħhom il-konvenuti eċċepew li l-atturi għandhom jispeċifikaw taħt liema artikolu tal-liġi qegħdin iressqu l-azzjoni tagħhom. Din l-eċċezzjoni l-Qorti sejra tikkunsidraha flimkien mal-mertu.

63. Jibda biex jingħad li l-liġi ma titlobx li r-rikors ġuramentat għandu jgħid jew isemmi fuq liema dispożizzjoni tal-liġi saret l-azzjoni. Kif imfisser mill-Qorti tal-Appell (sede Superjuri) fis-sentenza **Electronic Products Limited vs. Emanuel Micallef et** deċiża fil-25 ta' Ottubru 2013

> "imkien fil-liġi ma hu impost xi obbligu fuq attur li fl-att promotorju tal-ġudizzju jindika l-artikolu tal-liġi li fuqha jkun qed jibbaża l-meritu tat-talba tiegħu. Il-liġi tesiġi biss tifsira ċara u sewwa tal-fatti li minnhom toriġina l-kawża u l-kawżali li jagħtu lok għall-istess talba li jiġġustifikawha"[33]

64. Dak li huwa meħtieġ bil-liġi skont l-**Artikolu 156(1)(a)** u **(b) tal-Kapitolu 12** huwa li l-premessi, it-talbiet u r-raġunijiet għaliex ikunu qegħdin isiru dawk it-talbiet fir-rikors ġuramentat ikunu ġew imfissra b'mod ċar u tajjeb biżżejjed sabiex il-konvenut ikun

---

[33] Ara wkoll **Outwest Ltd vs. Il-Kummissarju Tat-Taxxi** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-27 ta' Marzu 2018 u **John Fiteni vs. Kontrollur tad-Dwana** deċiża mill-Qorti tal-Appell (sede Superjuri) fis-26 ta' Mejju 2006.

jista' jifhem għaliex l-azzjoni qiegħda titressaq kontrih u biex b'hekk huwa jitpoġġa f'qagħda li jkun jista' jwieġeb għaliha.

65. Il-ġurisprudenza tgħallimna li "meta l-attur jagħżel għamla ta' azzjoni partikolari, irid ikun responsabbli biżżejjed illi jagħti lill-parti mħarrka l-possibilita' li tiddefendi ruħha fil-parametri tal-azzjoni kif imressqa [Ara, per ezempju, P.A**. 5.6.1959** fil-kawża fl-ismijiet **Sciortino et vs Micallef** (Kollez. Vol: **XLIII.ii.748**)]. L-azzjoni tiddependi mill-mod kif inhi mfassla".[34]

66. Fis-sottomissjonijiet finali bil-miktub tagħhom l-atturi ma jagħmlu l-ebda referenza għall-ebda liġi li fuqha qed isejsu l-kawża minnhom promossa . Sussegwentement fis-sottomissjonijiet finali orali l-abbli avukat tal-atturi emfasizza li l-azzjoni promossa mill-atturi ma hiex imsejsa fuq Artikolu 469A tal-Kap. 12 iżda hija azzjoni għad-danni ċivili. Anke hawn l-atturi naqsu milli jagħmlu l-iċken referenza għal xi provvediment tal-liġi li fuqu qed isejsu l-azzjoni tagħhom.

67. Din il-Qorti qrat b'reqqa r-rikors promotur u ssib li l-azzjoni m'hijiex waħda ta' danni *sic et simpliciter* ai termini tal-Artikolu 1030 u 1031 tal-Kodiċi Ċivili. Tajjeb jiġi preċiżat x'inhu eżatt dak li qegħdin jippremettu u jitolbu l-atturi, għax kif inhu risaput in-natura tal-azzjoni titnissel mit-talbiet attriċi u mhux mis-sottomissjonijiet jew mill-provi.

68. Huwa opportun li f'dan l-istadju ssir referenza għas-segwenti prinċipji regolanti:

> "L-indoli tal-azzjoni tigi dezunta mhux tant mill-kliem piu o meno ezatti ta' l-att istitutiv tal-gudizzju, imma mill-iskop li ghaliha huwa intiz il-gudizzju [Vol.XXXIV.III.746].
>
> [...]

---

[34] **Charles Cini vs. Il-Prim Ministru et** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-16 ta' Jannar 2018.

Biex tigi fissata n-natura vera ta' l-azzjoni li tigi ezercitata wiehed irid ihares mhux lejn il-kliem kemm lejn **dak li sostanzjalment gie mitlub bic-citazzjoni**, jigifieri l-fondament u l-oggett tal-pretensjoni fiha dedotta. [Vol.lXXXV.II.776]."[35]

69. L-atturi huma jew kienu lkoll membri tal-Korp tal-Pulizija u qegħdin fl-ewwel lok jitolbu li din il-Qorti tiddikjara li l-proċess tal-għażla kien wieħed vvizzjat u fit-tieni lok li twettqet inġustizzja fil-konfront tagħhom meta l-Kummissarju tal-Pulizija iddiskrimina kontra tagħhom meta offra rimedju lill-uħud mill-applikanti għas-sejħa għal surġenti maġġuri u mhux ukoll lilhom. L-atturi fissru li kien jistħoqqilhom jingħataw il-promozzjoni u dan għaliex min ġie promoss kienu nies b'anzjanita' anqas minnhom jew bi kwalifiki bħal tagħhom jew anqas minn tagħhom. L-atturi jitolbu wkoll għal rimedju sabiex l-inġusitzzja li twettqet fil-konfront tagħhom tiġi rrimedjata, dan apparti l-kumpens għad-danni li ġarrbu minħabba l-mod kif sar dak l-eżerċizzju, liema talba hija waħda separata u speċifika.

70. In tema legali ssir referenza għad-deċiżjoni tal-Qorti tal-Appell (sede Superjuri) fl-ismijiet **Karmenu Mifsud vs. Awtorita għat-Trasport f'Malta** deċiża fil-31 ta' Mejju 2013:

"11. Il-premessa tal-azzjoni tal-attur hija illi l-awtorità konvenuta ħadet deċiżjoni – ir-rifjut li tippermetti r-reġistrazzjoni tal-vetturi – illi, għalkemm kienet fil-kompetenza tal-awtorità li teħodha, madankollu kienet ħażina għax ma hijiex raġonevoli u ttieħdet in mala fede. Jekk dan hu minnu, mela l-awtorità twieġeb għad-danni, iżda jekk id-deċiżjoni kienet tajba u valida, mela l-awtorità nqdiet sew bis-setgħat tagħha u ma għandha tagħmel tajjeb għal ebda danni.

[35] **Carmelo Scicluna et vs. Angelo Scicluna** deċiża mill-Qorti tal-Appell (sede Superjuri) fis-27 Frar 2015.

12. Għalhekk, hija premessa meħtieġa biex tirnexxi l-azzjoni tal-attur illi d-deċiżjoni tal-awtorità konvenuta tassew kienet waħda ultra vires għax abużiva u irraġonevoli: dan ma huwiex datum ta' fatt iżda jrid qabel xejn jiġi determinat billi tiġi mistħarrġa l-validità tal-għemil amministrattiv. Għalxejn l-attur jgħid illi "ma hemm l-ebda talba għat-tħassir jew għall-impunjazzjoni ta' xi għemil amministrattiv, iżda biss għas-sejbien ta' responsabbilità għad-danni", għax is-sejbien ta' responsabilità jista' jkun biss konsegwenza ta' stħarriġ dwar jekk ir-rifjut tal-awtorità kienx validu jew le. Il-fatt illi l-attur illum ma jeħtiġlux jitlob it-tħassir tar-rifjut tal-awtorità, għax il-permessi nħarġu b'konsegwenza tal-liberalizzazzjoni tassuq, ma jfissirx illi ma jibqax meħtieġ li jsir stħarriġ tal-validità tar-rifjut biex jiġi determinat kienx għamil tajjeb jew le.

13. Dan l-istħarriġ huwa regolat bil-liġi speċjali tal-art. 469A tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.

[...]

15. Tassew illi hemm differenza bejn att magħmul mill-amministrazzjoni pubblika u "att amministrattiv" magħmul fil-qadi tas-setgħat u d-dmirijiet ta' dik l-amministrazzjoni pubblika. Huwa minnu wkoll illi mhux kull delitt jew kważi-delitt magħmul minn awtorità pubblika huwa "delitt jew kważi-delitt li joħroġ minn att amministrattiv".

71. Ma' dan il-Qorti iżżid tagħmel referenza għas-sentenza **Robert Zamboni et vs. Id-Direttur tal-Kuntratti et** mogħtija mill-Qorti tal-Appell (sede Superjuri) fil-31 ta' Mejju 2002:

"Din il-Qorti ghalhekk xejn ma tikkondividi s-sottomissjonijiet attrici li hawn si tratta ta' "azzjoni normali ghad-danni, spettanti lil kull min isofri hsara mill-agir

kolpuz ta' haddiehor." Anki d-dicitura li tanima l-ahhar premessa taghhom fl-att tac-citazzjoni turi bic-car li dak li qed jissottomettu l-appellanti huwa zbaljat. Meta l-atturi jsemmu bhala kawzali li "fi kwalunkwe kaz l-agir tal-konvenut jikkostitwixxi abbuz u eccess ta' poter" huwa wisq ovvju li, kif il-kwistjoni hija regolata b'ligi specjali (ghal-liema jirreferu espressament l-atturi stess), li hawn si tratta ta' allegat abbuz u eccess ta' indole amministrattiva. Issa in forza ta' l-artikolu 469A tal-Kap. 12, kif gie fis-sehh bl-Att numru IV tal-1996, stharrig gudizzjarju ta' azzjoni amministrattiva jaqa', fil-kazijiet applikabbli, fil-gurisdizzjoni tal-Qrati Civili. Fost il-kazi elenkati mil-ligi tassattivament meta dan l-istharrig jista' jigi kondott dwar il-validita' ta' xi ghemil amministrattiv jew biex jigi ddikjarat li dak l-ghemil hu null hemm imnizzlin is-segwenti – ara subinciz 1(b),

(ii) meta l-awtorita' pubblika tkun naqset milli tosserva ….. htigiet procedurali mandatorji fit-twettiq ta' l-ghemil amministrattiv jew fid-deliberazzjonijiet ta' qabel dwar dak l-ghemil, jew
(iii) meta l-ghemil amministrattiv jikkostitwixxi abbuz tas-setgha ta' l-awtorita' pubblika billi dan isir ghal ghanijiet mhux xierqa jew jissejjes fuq konsiderazzjonijiet mhux rilevanti ;
(iv) meta l-ghemil amministrattiv ikun imur mod iehor kontra l-ligi.

[...] Il-fatti tal-kaz kif esposti mill-parti attrici, bir-riferenza b'kollox ghal-ligi specjali applikabbli in materja, twaqqa' l-argument ta' l-atturi li "huwa lampanti (sic) li l-esponenti ezercitaw zewg azzjonijiet : principalment l-azzjoni klassika ta' dannu, naxxenti mil-ligi ordinarja, u subordinatament azzjoni ghar-rizarciment ta' dannu skond lex specialis : l-Artikolu 469A tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili."

Fil-fehma konsiderata ta' din il-Qorti ma hemm xejn x'juri soddisfacentement li primarjament – u del resto lanqas subordinatament – l-azzjoni attrici kif

maghmulha hija tassew imsejsa fuq l-artikoli 1031 u 1033 tal-Kodici Civili. Jekk stess kellhom dan f'mohhom l-atturi appellanti ma jinsabx u ma giex rifless fl-att tac-citazzjoni li huma pprezentaw."

72. L-atturi fl-ewwel talba m'huwiex jitolbu, b'mod dirett, li l-ħatriet li saru f'Novembru 2013 u Mejju 2016 jiġu mħassra, qegħdin jitolbu li l-proċess tal-għażla jiġi dikjarat ivvizjat u dan stante li huma baqgħu ma nagħtawx promozzjoni u li sussegwentament il-Kummissarju tal-Pulizija għażel lil min jagħti rimedju. Hawnhekk non si tratta kwistjonijiet naxxenti mill-kuntratt ta' impjieg tal-atturi iżda mill-inġustizzja illi huma qegħdin jallegaw li saret magħhom fil-proċess tal-promozzjonijiet u rimedji allegatament mogħtija lill-uħud.

73. Kif ġia ritenut l-atturi qatt ma indikaw espressament il-bażi legali tal-azzjoni tagħhom iżda din il-Qorti tqis mill-qari tar-rikors promotur u b'mod partikolari mill-qari tal-ewwel talba li l-azzjoni attriċi setgħat biss tiġi promossa ai termini tal-Artikolu 469A. u dan anke għaliex is-sub-artikolu (2) tal-istess artikolu jipprovdi li *"għemil amministrattiv"* għandha tiġi interpretata bħala *"l-ħruġ ta' kull ordni, liċenzja, permess, warrant, deċiżjoni, jew rifjut għal talba ta' xi persuna illi jsir minn awtorita` pubblika, iżda ma jinkludix xi ħaġa illi ssir bl-għan ta' organizzazzjoni jew amministrazzjoni interna fl-istess awtorità".*

74. Minn dan is-subartikolu jirriżulta li fost oħrajn għemil amministrattiv huwa suġġett li jiġi mistħarreġ mill-qorti fejn dan ikun att li jikkostitwixxi deċiżjoni meħuda minn awtorita pubblika, kemm jekk din tkun deċiżjoni li tilqa' talba kif ukoll jekk tkun deċiżjoni ta' rifjut ta' talba.[36]

[36] Ara **Supreme Travel Limited vs. Awtorita Dwar it-Trasport ta' Malta** deċiża mill-Prim'Awla, Qorti Ċivili fit-18 ta' Jannar 2011 kif ukoll **Christine Borda vs. Direttur tat-Taxxi Interni** deċiża mill-Prim'Awla, Qorti Ċivili fis-26 ta' Novembru 2015.

75. M'hemmx kontestazzjoni bejn il-partijiet illi l-Awtoritijiet konvenuti jaqgħu fid-definizzjoni mogħtija mill-Artikolu 469A ta' **awtorita pubblika** bħala *"il-Gvern ta' Malta, magħdudin il-Ministeri u dipartimenti tiegħu, awtoritajiet lokali u kull korp magħqud kostitwit permezz ta' liġi*."

76. Il-ligi ma tagħtix definizzjoni ta' dak li jammonta għal att ta' organizzazzjoni jew aministrazzjoni nterna, pero il-Qrati nostrana għamlu referenza għal dak li ingħad mill-ġuristi Franċizi u dan stante li

> "Rigward din l-eskluzjoni intqal illi l-legislatur Malti kien gie ispirat mill-ligi amministrattiva Franciza, li wkoll tippreskludi l-istharrig gudizzjarju ta' '*mesures d'ordre interieur administratives'* u ghalhekk issir referenza ghal dak li jinghad mill-awturi L. Neville Brown u John S. Bell fil-ktieb taghhom French Administrative law (eg. 1993, pg. 154 – 155):
>
> *The French draw a distinction between actes administratifs and those measures which may be regarded as no more than the administration putting its own house in order. Such domestic 'house-rules' are described as measures of purely internal orgnisation within the administration (mesures d'ordre interieur administratives) and are not normally open to judicial review at all. Thus one cannot challenge a departmental circular giving advice (as distinct from directives) on the interpretation of a statute; nor an instruction about school uniform or curricula ... A similar attitude is taken towards disciplinary measures in the armed forces. ... ... But above a certain point the administrative measure may become, because of its gravity, an acte administratif within the cognizance of the administrative judge (see CE 26 January 1966 DAVIN, where the peremptory expulsion of a pupil from a state school was adjudged so grave a sanction as to fall outside the category of such 'measures', and to be an acte administratif open to judicial review*). [**Nikol Borg vs Segretarju Permanenti fl-Ufficju tal-Prim'Ministru** (App 27/01/2006).]

B'referenza wkoll għall-insenjament tal-awturi Francizi fuq din il-materja, intqal[37]

Illi skont awtur Franciz [b'referenza ghal Ramu de Bellescize, *Droit Administrativ General*], "*les mesures d'ordre interieur sont des decisions unilaterales emanant d'une autorite administrative. Elles ne sont susceptibles d'aucun recours et leur domaine va en se restrignant*." L-awtur ikompli jghid li dawn l-atti jgawdu immunita' gurisdizzjonali ghal zewg ragunijiet: (1) huma unikament ta' ordni nterna. Ordni li ma tistax tkun effikaci jekk tkun issindakata mill-Qorti, u li kieku kien hekk, tigi mminata l-awtorita' gerarkika u (2) l-importanza minima taghhom. Huma ma jbiddlux il-qaghda guridika ta' dawk li jigu effettwati minnhom. Il-Qorti m'ghandhiex toqghod tinhela fuq il-ftietaq."[38]

77. Il-ġurisprudenza f'dan ir-rigward hija waħda konsistenti fis-sens illi **l-promozzjoni ta' impjegati ta' awtorita pubblika jew governattiva ma tammontax għal sempliċi att ta' amministrazzjoni jew organizazzjoni nterna.** Ingħad fis-sentenza **Raymond Camilleri et vs. Il-Kap Kmandat tal-Forzi Armati** mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-26 t'Ottubru 2010[39]

"Illi l-Qorti tagħraf li kwestjonijiet marbutin mal-għoti jew iż-żamma ta' promozzjonijiet fi ħdan korp pubbliku ġeneralment jitqiesu bħala eżerċizzju li jħaddem element qawwi ta' diskrezzjoni, u jkun marbut ma' kriterji li wħud minnhom ikunu x'aktarx soġġettivi. Il-fatt li eżerċizzju bħal dan ikun iġorr miegħu apprezzament daqstant suġġettiv minn min ikun imsejjaħ biex jagħmel l-għażliet meħtieġa, ma jissarrafx waħdu f'setgħa awtomatika li Qorti, jekk tintalab minn xi

[37] Ara **Alan Fiott vs. Id-Direttur Generali, Servizzi Edukattivi fi ħdan il-Ministeru għall-Edukazzjoni u Xogħol** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-26 ta' Frar 2019.
[38] **Logotenent Kurunell Andrew Mallia vs. Kap Kmandant et** deċiża mill-Prim'Awl ta-Qorti Ċivili fis-17 ta Ġunju 2020 (appellata).
[39] Mhux appellata.

ħadd aggravat b'tali proċess, tistħarreġ x'ikun sar f'eżerċizzju bħal dak. Dan għaliex wieħed irid jara jekk l-eżerċizzju fih innifsu huwiex maħsub għall-organiżżazzjoni jew it-tmexxija interna tal-awtorita' pubblika li tkun għamlitu. Kien hemm drabi fejn din kienet il-fehma tal-Qrati u allura dehrilhom li ma kellhomx is-setgħa li jistħarrġu lment bħal dak [Per eżempju, ara P.A. **22.10.2002** fil-kawża fl-ismijiet ***Falzon vs Kummissarju tal-Pulizija*** (Kollez. Vol: **LXXXVI.iii.410**)]. Iżda kien hemm drabi wkoll fejn kwestjonijiet ta' nuqqas ta' għoti ta' promozzjoni ta' uffiċjal pubbliku tqieset aktar bħala ċirkostanza li primarjament tolqot lil dak l-uffiċjal iżjed milli tikkonċerna t-tmexxija interna dipartimentali [App. Ċiv. **27.1.2006** fil-kawża ***Nikol Borġ vs Segretarju Permanenti fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru***] [...]

[...] jekk l-ilment ikun wieħed dwar użu irraġonevoli ta' xi diskrezzjoni, ksur ta' xi wieħed mill-prinċipji tal-ħaqq naturali, jew saħansitra aġir abbużiv jew lil hinn mis-setgħat mogħtija mil-liġi (jiġifieri għamil *ultra vires*), jaqa' fuq il-Qorti d-dmir li tistħarreġ dak il-każ għaliex il-kwestjoni ma tibqax waħda ta' "sempliċi" organiżżazzjoni jew tmexxija interna, imma waħda li tolqot fil-qalba r-raġuni tal-azzjoni dwar stħarriġ ġudizzjarju tal-att amministrativ li jkun".

78. Fis-sentenza **Nikol Borg vs. Segretarju Permanenti fl-Ufficju tal-Prim Ministru,** inghad mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili illi

"wara li hasbet fit-tul dwar dan l-aspett, il-Qorti hija tal-fehma li l-kwestjoni sollevata mill-attur hija rifjut ghal talba ta' xi persuna li jsir minn awtorita` pubblika ghall-finijiet li jmorru lill hinn minn organizzazzjoni jew amministrazzjoni interna, ghaliex jirrigwardaw aspetti finanzjari jew retributtivi li l-attur, wara kollox, qieghed jimmira li jikseb jekk jinghata gharfien retrospettiv ghall-Iskala li jippretendi li ma nghatatlux f'waqtha"

Il-Qorti tal-Appell (sede Superjuri) fis-27 ta' Jannar 2006 ikkonfermat din id-deċiżoni u rriteniet li:

> "Fil-fehma ta' din il-Qorti d-decizjoni tal-konvenut li l-appellant Borg ma jinghatax il-promozzjoni b'effett immedjat ma hijiex mizura intiza ghal organizzazzjoni jew amministrazzjoni interna, stante li kif jghid l-appellat fir-risposta ta' l-appell tieghu (fol. 61) l-kwistjoni dwar jekk persuna tavvanzax fil-karriera taghha fis-servizz pubbliku hija kwistjoni li primarjament tolqot lil dik il-persuna, u ma tikkoncernax l-amministrazzjoni interna per se. In oltre l-aspetti finanzjarji ta' ghoti ta' promozzjoni jew nuqqas ta' tali ghotja huma ta' certa importanza ghall-ufficjal pubbliku koncernat, u tali aspetti certament ma jisthoqqilhomx li jigu ekwiparati ma' dawk ta' mizura merament ta' organizzazzjoni jew amministrazzjoni interna."[40]

79. Minn din l-iskorta ta' ġurisprudenza jidher ċar li l-promozzjonijiet li saru ibiddlu sew il-qagħda ġuridika tal-persuni li ġew affettwati minnhom, kemm jekk dawn ħadu promozzjoni u kemm jekk le, bhal fil-każ tal-atturi. L-ogħti ta' promozzjoni għandu impatt kemm finanzjarju u kif ukoll fuq il-progress fil-karriera tal-individwu konċernat. **Għalhekk ma jistgħax jingħad illi promozzjoni huwa att ta' mera amministrazzjoni jew organizzazzjoni interna meta dan jolqot proprju il-qagħda ġuridika u d-drittijiet tal-individwi konċernati.**

80. Kif ġia ritenut l-azzjoni m'hijiex naxxenti minn kuntratt jew kundizzjonijiet ta' impjieg tal-atturi u għalhekk ċertament li l-**Artikolu 469A (6)** mhux applikabbli. Dan is-sub-artikolu jipprovdi hekk:

[40] Ara wkoll **Maġġur Claudio Terribile AFM vs. Prim Ministru et** deċiża mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) (Ġursidzzjoni Superjru) (Sezzjoni Ġenerali) fl-4 ta' Novembru 2009.

"(6) Għall-finijiet ta' dan l-artikolu, u ta' kull dispożizzjoni oħra ta' din il-liġi u ta' kull liġi oħra, servizz mal-Gvern hu rapport speċjali regolat b'dispożizzjonijiet speċjali speċifikatament applikabbli għalih u bil-pattijiet u l-kondizzjonijiet stabbiliti minn żmien għal żmien mill-Gvern, u ebda liġi jew dispożizzjoni tagħha dwar kondizzjonijiet ta' impieg jew kuntratti ta' servizz jew ta' impieg ma tapplika, u qatt ma kienet tapplika, għal servizz mal-Gvern ħlief safejn dik il-liġi ma tipprovdix xort'oħra."

81. Kif gie ritenut fis-sentenza **Edward Paul Tanti vs. Segretarju Amministrattiv tal-Ufficcju tal-Prim Ministru**[41]

"kulma jaghmel dana s-subartikolu huwa li jaghti direzzjoni dwar x'ligi jew ligijiet huma applikabbli fir-rigward ta' kundizzjonijiet ta' impieg u ta' servizz mal-Gvern ghall-fini ta' interpretazzjoni u applikazzjoni kemm ta' l-Artikolu 469A kif ukoll ta' kull disposizzjoni ta' ligi ohra, izda mhux li jeskludi l-applikazzjoni ta' l-istess Artikolu 469A ghal kull haga li tinvolvi servizz mal-Gvern."

82. Fis-sentenza tal-5 ta' Ottubru 1998, fl-ismijiet **Carmelo sive Charles Magri vs. Il-Kummisarju tal-Pulizija et**, il-Qorti tal-Appell (sede Superjuri) kienet analizzat ukoll il-portata tas-sub-artikolu (6) ta' l-Artikolu 469A u irriteniet illi:

"Waqt illi din il-Qorti taqbel illi dan il-provvediment espressament jeskludi lis-servizz mal-Gvern mill-kontroll ta' kull Ligi ohra illi tirregola l-kuntratt ta' servizz jew ta' impieg, u b'mod specifiku teskludi ghalih l-applikazzjoni tal-Kodici Civili [...] dak l-istess provvediment jissoggetta s-servizz mal-Gvern ghal provvedimenti ta' dispozizzjonijiet specjali illi jirregolaw dan ir-rapport specjali fir-rigward ta' l-ingagg, kondotta u terminazzjoni ta' l-impieg. Dawn id-dispozizzjonijiet specjali jorbtu wkoll allura lill-amministrazzjoni illi hija obbligata fir-relazzjonijiet taghha

[41] Deċiża mill-Qorti tal-Appell (sede Superjuri) fis-7 t'Ottubru 2005.

ma' l-impjegati illi tosserva dawk il-provvedimenti intizi biex jittutelaw proprju dawk il-jeddijiet tal-haddiema tal-Gvern kontra min ihaddimhom. Il-Ligi allura ma tistriehx fuq il-principju generali ta' dritt pubbliku illi l-istat bhala "good employer", jekk mhux l-aqwa wiehed, huwa mistenni illi jitratta sewwa u gustament lill-impjegati tieghu, imma wkoll torbtu illi jagixxi b'certu mod determinat u b'certa procedura stabbilita f'sitwazzjonijiet partikolari, skond kif provdut f'dispozizzjonijiet specjali specifikament applikabbli [...] It-teorija tan-"non-legal nature of the civil service" illum giet konsiderevolment imxellfa u m'ghandhiex dak il-principju assolut illi kellha qabel. [...] F'dan ir-rigward il-Kostituzzjoni nnifisha gustament u sewwa kkreat il-makkinarju biex jigu regolati r-relazzjonijiet bejn l-Ezekuttiv u s-servizz pubbliku fil-Kapitolu X taghha … Dan il-kapitolu, filwaqt illi jirrikonoxxi n-natura specjali ta' l-impieg fis-servizz civili, u jipprovdi l-makkinarju biex l-amministrazzjoni pubblika tibqa' tiffunzjona bl-inqas tfixkil possibbli, jiehu hsieb biex b'mod konkret jipproteggi lill-impjegat pubbliku kontra l-arbitrarjeta`, l-abbuz ta' poter, u diskriminazzjoni, u jissalvagwardja wkoll direttament u indirettament id-dritt tieghu ghal renumerazzjoni ghas-servizz illi jaghti, kif ukoll ghall-pensjoni" (ara **"David Gatt vs Prim Ministru Onorevoli Edward Fenech Adami"** (P.A. (JA) – 30 ta Jannar 2004); **"Edward Falzon vs Kummissarju tal-Pulizija"** P.A. (AJM) – 22 ta' Ottubru 2002); u **"Helen Borg vs Il-Prim Ministru et"** (A.C. – 9 ta' Frar 2001)."

83. **In linea mal-ġurisprudenza appena ċitata din il-Qorti tqis illi Artikolu 469A (6) m'huwiex intiż sabiex jeskludi għal kollox il-possibilita illi impjegati tal-Gvern iresqu azzjonijiet ta' stħarriġ ġudizzjarji dwar għemil amministrattiv**. L-esklużjoni hija ċara, limitata u titratta biss kundizzjonijiet t'impjieg. Kif ġia ritenut il-każ odjern m'huwiex dwar kundizzjonijiet t'impjieg, iżda dwar deċiżjoni meħuda mill-konvenuti jew min minnhom relattiva għall-promozzjonijiet fil-grad ta' Surġent Maġġuri fi ħdan il-Korp tal-Pulizija**. Ifisser għalhekk li l-esklużjoni ma tapplikax fil-każ de quo għaliex il-**

**promozzjoni m'hijiex kundizzjoni ta' impjieg iżda tirrigwarda eżerċizzju ta' diskrezzjoni min-naħa tal-awtoritajiet amministrattivi kompetenti.**

**Artikolu 469A tal-Kap. 12**.

84. L-ewwel talba tal-atturi hija diretta kontra għemil amministrattiv fit-termini tal-Artikolu 469A. Qed jintalab lill-Qorti tiddikjara illi "l-process tal-ghazla fuq riferit (ie. tas-sena 2013 u tas-sena 2016) cioe' dak mill-instimat Kummissarju tal-Pulizija u li l-permez tieghu l-istess intimat Kummissarju tal-Pulizija ghazel xi uhud mill-applikanbti sabiex jilqhu Surgenti Magguri ghad-detriment tar-rikorrenti, huwa vvizzjat u dan ghar-ragunijiet fuq esposti……" Permezz tat-tiena talba l-atturi qed jitolbu illi l-Qorti tiddikjara li "l-intimat Kummissarju tal-Pulizija wettaq ngustizja fil-konfront tar-rikorrenti meta ddiskrimina kontra taghhom meta offra rimedju lil uhud mill-applikanti ghas-sejha ghall-mili tal-postijiet fuq msemmija ad insaputa tar-rikorrenti u mhux lir-rikorrenti".

85. Tħares mil-liema angolu tħares lejn dawn it-talbiet din il-Qorti ma tarax kif tista' tikkonsidra l-azzjoni attriċi bħala sempliċi kawża għad-danni akwiljanti u mhux bħala talba għal stħarriġ ta' għemil amministrattiv fit-termini tal-Artikolu 469A. Sew għaliex l-ewwel żewġ talbiet attriċi hekk testwalment qed jitolbu; sew għaliex sabiex tiġi kkunsidrata t-talba għad-danni pretiżi mill-atturi, l-Qorti trid fl-ewwel lok tistħarreġ il-validita' u/jew il-legalita' tal-għemil tal-konvenuti. Fil-fehma konsiderata ta' din il-Qorti din il-materja hija regolata bl-Artikolu 469A tal-Kap. 12 irrispettivament minn dak li kellhom f'moħħom l-atturi meta intavolaw il-kawża odjrna. (ara. **Fairbet Ltd. et. v. Malta Gaming Authority** - Qorti tal-Appell - 4 ta' Mejju, 2022).

86. **Artikolu 469A tal-Kap. 12** jipprovdi kif ġej:

"(1) Ħlief hekk kif provdut mod ieħor bil-liġi, il-qrati tal-ġustizzja ta' kompetenza ċivili għandhom ġurisdizzjoni biex jistħarrġu l-validità ta' xi egħmil amministrattiv

jew li jiddikjaraw dak l-egħmil null, invalidu jew mingħajr effett fil-każijiet li ġejjin biss:

(a) meta l-egħmil amministrattiv jikser il-Kostituzzjoni;

(b) meta l-egħmil amministrattiv ikun ultra vires għal xi raġuni minn dawn li ġejjin:

(i) meta dak l-egħmil jitwettaq minn awtorità pubblika li ma tkunx awtorizzata sabiex twettqu; jew

(ii) meta l-awtorità pubblika tkun naqset milli tosserva l-prinċipji tal-ġustizzja naturali jew ħtiġiet proċedurali mandatorji fit-twettiq tal-egħmil amministrattiv jew fid-deliberazzjonijiet ta' qabel dwar dak l-egħmil; jew

(iii) meta l-egħmil amministrattiv jikkostitwixxi abbuż tas-setgħa tal-awtorità pubblika billi dan isir għal għanijiet mhux xierqa jew jissejjes fuq konsiderazzjonijiet mhux rilevanti;

(iv) meta l-egħmil amministrattiv ikun imur mod ieħor kontra l-liġi.

87. Is-sub inċiż 4 tal-Artikolu 469A jipprovdi illi d-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu ma għandhomx japplikaw meta l-mod ta' kontestazzjoni jew ta' ksib ta' rimedju dwar xi att amministrattiv partikolari quddiem qorti jew tribunal jiġi provdut dwaru f'xi liġi oħra. Il-ġurisprudenza dejjem għalmitna li l-qorti m'għandhiex faċilment tiddeċiedi illi ma teżerċitax dawn is-setgħat lilha mogħtija bl-Artikolu 469A. Dan kif intqal fis-sentenza fl-ismijiet **Raymond Camilleri vs. Il-Kap Kmandant tal-Forzi Armati** deċiża minn din il-Qorti diversament preseduta fis-26 t'Ottubru 2010:

"Billi din tal-lum hija azzjoni meqjusa bhala wahda ta' procedura specjali dwar stharrig tal-ghamil tal-amministrazzjoni pubblika, jibda biex jinghad li s-setghat li l-ligi taghti lill-Qrati f'azzjonijiet bhal din iridu jitwettqu fil-parametri precizi li tistabilixxi l-ligi specjali. Min-naha l-ohra, fejn din il-Qorti tissejjah biex twettaq is-setgha taghha li tistharreg ghamil ta' xi awtorita' pubblika, u x'aktarx minhabba li dan l-istharrig huwa r-rimedju wahdien li jinghata lil min ihossu mgarrab b'dak l-ghamil, din ghandha twettaqha safejn possibbli u safejn il-ligi ma teskludihiex milli

tindahal, u ghandha taghti lill-eskluzjoni tifsira mill-idjaq kontra li terhi milli twettaq is-setghat taghha."

88. Dan magħdud, mal-ewwel sub-artikolu irid jinqara wkoll it-**tielet sub-artikolu:**

**"(3) Kawża biex twaqqa' egħmil amministrattiv taħt is-subartikolu (1)(b) għandha ssir fi żmien sitt xhur minn meta min ikollu interess isir jaf jew seta' jsir, jaf, skont liema jiġi l-ewwel, b'dak l-egħmil amministrattiv."**

89. Jidher li l-azzjoni attriċi tinkwadra ruħha waħda jew aktar mis-sub-inċiżi tal-Artikolu 469A (1) (b) u li għalih it-tielet sub-artikolu fuq kwotat huwa applikabbli.

90. Huwa ormai stabbilit ukoll li t-terminu tas-sitt xhur li jirreferi għalih l-Artikolu 469A (3) tal-Kapitolu 12 huwa wieħed ta' dekadenza u ċioe dan it-terminu ma jiġix interrott jew sospiż bħal ma jseħħ fil-każ ta' terminu ta' preskrizzjoni.[42] Is-sitt xhur jibdew jiddekorru minn meta l-persuna interessata isir taf jew setgħet isir taf b'dak l-egħmil amministrattiv impunjat. Ġie ritenut fis-sentenza **Mizzi Antiques Ltd vs. Ic-Chairman tal-Malta Enterprise et** mogħtija mill-Qorti tal-Appell (sede Superjuri) fil-31 ta' Jannar 2019 li:

"11. Din il-Qorti tqis li wieħed imissu jagħraf bejn każ fejn persuna tkun mgħarrfa b'deċiżjoni finali meħuda mit-tmexxija pubblika dwar xi talba tagħha u każ fejn dik il-persuna, għalkemm mgħarrfa b'deċiżjoni bħal dik, titlob lill-awtorità li tkun li terġa' taħsibha jew tirrikunsidraha. F'każ bħal dan, il-Qorti tqis li d-deċiżjoni meħuda tkun waħda tabilħaqq aħħarija u dak li jkun għandu jieħu r-rimedju tal-istħarriġ minnufih u mhux joqgħod kull tant żmien jitlob ir-reviżjoni bil-għan li jibqa' jgħid li l-proċess għadu miftuħ. Wieħed għandu jżomm quddiem għajnejh

---

[42] Ara fost oħrajn **Dr. Antoinette Cutajar vs. L-Onor. Dott. Joseph Muscat et** mogħtija mill-Qorti tal-Appell (sede Superjuri) fl-14 ta' Diċembru 2018.

li l-artikolu 469A innifsu fis-sub-inċiż (2) tiegħu jagħmilha ċara li, f'każ ta' nuqqas ta' tweġiba min-naħa tal-amministrazzjoni pubblika għal xi talba, ż-żmien jitqies li jibda għaddej b'seħħ minn xahrejn (jew żmien ieħor espressament mitlub minn xi liġi) minn meta ssir it-talba min-naħa taċ-ċittadin. Dan biex juri kemm il-liġi nnifisha, f'azzjoni bħal din, tfittex li ż-żminijiet għat-teħid tar-rimedju għad-deċiżjoni ma jibqgħux jiġġebbdu b'mod artifiċjali."

Fil-każ de quo t-terminu ta' sitt xhur beda għaddej minn dakinhar li l-atturi saru jafu jew setgħu jsiru jafu b'dak l-għemil li qegħdin ifittxu li jwaqqgħu bl-azzjoni tal-lum, liema data tiġi l-ewwel. F'dan ir-rigward il-liġi ma ssemmi xejn dwar il-mod li bih parti mġarrba minn għemil amministrattiv issir taf b'dak l-għemil li jkun. Il-liġi lanqas ma tgħid li ż-żmien jibda għaddej minn meta l-parti interessata tirċievi tagħrif formali jew uffiċjali miktub dwar id-deċiżjoni[43]. Pero' din il-Qorti tqis illi jekk fiċ-ċirkostanzi partikolari persuna kellha tiġi mgħarfa b'deċizzjoni tal-awtorita' pubblika it-terminu perentorju ta' sitt xhur jibda jiddekorri mill-jum li fih tiġi hekk mgħarrfa.

91. Fil-każ odjern l-atturi qegħdin jimpunjaw id-deċiżżjoni ta' l-ewwel promozzjonijiet għal surġenti maġġuri li seħħet f'Novembru 2013 kif ukoll it-tieni deċiżżjoni dwar promozzjonijiet għal surġenti maġġuri li seħħet f'Mejju 2016, **żewġ deċiżżjonijiet dwar promozzjonijiet hawn impunjati li l-atturi saru jafu dwarhom permezz ta' messaġġ fin-National Police System (NPS) u dan kif ippremettew huma stess fil-premessi K u N tar-rikors promotur.**

92. **Dwar l-ewwel deċiżżjoni l-atturi ġew informati flimkien mal-membri kollha tal-membri tal-korp tal-pulizija permezz ta' ċirkolari mibgħuta fit-2 ta' Ottubru, 2013[44], filwaqt li dwar it-tieni deċiżżjoni impunjata l-atturi ġew informati flimkien mal-membri kollha tal-korp permezz ta' ċirkolari mibgħuta fil-5 ta' Mejju, 2016.** Il-kawża

[43] **Dennis Tanti vs Ministru għall-Iżvilupp Soċjali et** deċiża mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla fis-27 ta' Ġunju 2003;
[44] Ara Dok C a fol. 15 tal-proċess

odjerna ġiet intavolat <u>f'Diċembru 2017,</u> aktar minn tlett snin wara li kien skada it-terminu imsemmi ta' sitt xhur fir-rigward tal-ewwel promozzjoni u aktar minn sena wara li kien skada it-terminu imsemmi ta' sitt xhur fir-rigward tat-tieni lott ta' promozzjonijiet.

93. Ir-rimedju quddiem il-*Grievances Unit* li kien disponibbli għall-applikanti kollha bis-saħħa taċ-ċirkulara 4/2014 u 9/2014 maħruġa mill-Uffiċċju tal-Prim Ministru iġibu d-dati ta' Frar u Marzu 2014. Iċ-ċirkulari Nru 20/2014, li jidher li qatt ma ġiet ċċirkulata mal-Korp tal-Pulizija, ħarġet f'Settembru 2014 u li allegatament ġiet a konjizzjoni tal-atturi meta seħħ it-tieni lott ta' promozzjoniiet u ċioe <u>Mejju 2016</u> u dan anke kif jirriżulta mill-affidavit ta' Alexander Schembri fejn spjega li huma għamlu l-ilment tagħhom rigwardanti din id-diskriminazzjoni lis-Segretarju Eżekuttiv tal-Public Service Commission fil-11 ta' Mejju 2016. Huwa għalhekk evidenti li l-perjodu tas-sitt xhur imsemmija fit-tielet sub-artikolu kien għadda wkoll dwar dan l-ilment.

94. F'dan ir-rigward, huwa paċifiku li biex azzjoni ġudizzjarja tkun valida teħtieg li din tissodisfa r-rekwiżiti kollha li timponi fuqha l-ligi, u n-nuqqas ta' konformita` ma' dawn ir-rekwiżiti jġib in-nullita` tal-istess att. It-termini proċedurali huma termini li jolqtu ż-żmien li fih att ġudizzjarju għandu jiġi ppreżentat, liema att jitqies irritu u null jekk ma jiġix ippreżentat fi żmien preskritt, irrispettivament jekk il-konvenut jissollevax l-irritwalita' tal-att. Il-ġurisprudenza hija ċara li t-terminu li fih tista' titressaq l-azzjoni ta' stharrig ġudizzjarju huwa wieħed perentorju li ma jistax jiġi mtawwal anke jekk jaqblu l-partijiet. Mod ieħor, il-partijiet ma għandhomx il-fakolta' li jinnewtralizżaw it-terminu perentorju ta' sitt xhur stabbilit tassattivament bis-sub inċiż 3 tal-Artikolu 469A. ( ara **Vassallo Concrete Services Limited v. Direttur Ġenerali (Kuntratti) et.** - Qorti tal-Appell - 24 ta' April, 2015; **Fairbet Limited et. v. Malta Gaming Authority -** Qorti tal-Appell - 4 ta' Mejju, 2022; **Joshue Agius v. Kap Kmandant tal-Forzi Armati ta' Malta** - Qorti tal-Appell - 16 ta' Marzu, 2023).

95. Illi għalkemm l-atturi baqgħu sal-aħħar jinsistu illi l-azzjoni minnhom promossa ma hiex imsejsa fuq l-Artikolu 469A tal-Kap. 12 u li allura ma japplikax it-terminu perentorju ta' dekadenza stabbilit b'dan l-artikolu tal-liġi; dan ma jbiddel xejn mill-fatt illi stabbilit li l-azzjoni promossa mill-atturi tista' biss titqies fit-termini tal-Artikolu 469A, l-azzjoni hija irritwali peress li ġiet intavolata oltre t-terminu perentorju stabbilit bis-sub inċiż 3 tal-Artikolu 469A tal-Kap. 12.

96. **Konsegwentement il-Qorti qed tiddikjara u tiddeċiedi illi l-azzjoni attriċi safejn tirrigwarda l-ewwel, it-tieni, it-tielet u r-raba' talba attriċi hija irritwali u nulla in kwantu intavolata b'nuqqas ta' konformita' mas-sub inċiż 3 tal-Artikolu 469A tal-Kap. 12.**

**Il-Ħames Talba Attriċi.**

97. Permezz tal-ħames talba tagħhom l-atturi jitolbu dikjarazzjoni ġudizzjarja li minħabba dewmien kemm sabiex jiġi mitmum il-proċess tal-għażla fuq imsemmi, kif ukoll minħabba d-dewmien sabiex jiġi deċiż l-ilment tal-atturi li għamlu quddiem l-*Independent Police Complaints Board* l-atturi soffrew danni.

98. Filwaqt li s-sejħa għal surġenti maġġuri ħarġet f'Settembru 2013, l-intervisti saru fil-bidu t'Ottubru 2013 u l-ħatriet saru f'Novembru 2013. Mal-mument li l-promozzjonijiet kienu ġew ippubblikati l-proċess tal-għażla kien mitmum.

99. Il-promozzjonijiet li saru f'Mejju 2016 kienu riżultat ta' ilmenti li saru fi Frar u Marzu 2014 minn uħud mill-applikanti quddiem il-Grievances Unit u mhux għaliex il-proċess ma kienx intemm f'Novembru 2013. Għalhekk anke fir-rigward ta' dan l-ilment l-azzjoni attriċi hija irritwali ai termini tal-Artikolu 469A (3) tal-Kap. 12.

100. Fir-rigward l-allegat dewmien min-naħa tal- *Independent Police Complaints Board*, wieħed jinnota li d-deċiżjoni minn dan il-Bord ingħatat fil-11 ta' Settembru 2018

wara li l-atturi intavolaw il-kawża odjerna. Il-Bord, fost oħrajn għamel is-segwenti osservazzjonijiet:

> "Il-Board jirrileva li kien f'data ta' wara dan l-allegata ingustizzja li spiccat bil-promozzjonijiet mogħtija f'Novembru 2013, li il-Gvern waqqaf il-*Grievances Units* imsemmija, u ghalkemm f'kull każ dan in-nuqqas seta gara aktar minn sena qabel l-ilment, il-kwerelant seta' ukoll ressaq dan l-ilment quddiem il-*Grievances Unit*; jingħad ukoll il-kwerelant ma ha ebda pass biex jikkontesta dawn il-promozzjonijiet jew iressaq b'mod l-ilment li kellu."[45]
>
> [...]
>
> "Fid-dawl tad-dokumenti kollha esebiti u ix-xhieda kollha li setghu jaghtu tgharif dwar il-fatti u ic-cirkostanzi relatati ma' dawn l-ilmenti, il-Board ezamina dak kollu quddiemu u huwa tal-fehma li l-ilment tal-kwerelant huwa gustifikat in kwantu jallega li ic-cirkolari tal-25 ta' Settemru 2016 ma gietx imqassma u mgharrfa lill-membri kollha tal-Korp tal-Pulizija; dan huwa nuqqas serju l-aktar meta wiehed jikkonsidra l-insistenza fl-gheluq tac-cirkolari li, din kellhom isiru jafu biha l-impjegati kollha.
>
> [...]
>
> Dwar l-allegati ingustizzji il-Board ma jifhimx kif il-kwerelant u is-Segretarju tal-Union stqarrew li 'diversi membri tal-Korp tal-Pulizija f'kull rank ma kienux notifikati li kien hemm dan il-Grievances Unit appuntat", meta it-twaqqif originali ta' dan il-Unit kien gie mgharraf bic-cirkolari tas-6 ta' Frar 2014 – u din, kulhadd qabel li kienet giet regolarment notifikata lill-membri kollha. Ma hux kontestata li

[45] Fol 98 tal-proċess.

l-membri kollha ircevew ukoll ic-cirkolari tal-11 ta' April 2014 li tawlet iz-zmien li fih setghu jitressqu l-ilmenti tal-*Grievances Unit.*

Kienet biss ic-cirkolari tal-25 ta' Settembru 2014 li ma kienitx giet regolarment imqassma."[46]

101. Il-Bord ikompli sabiex jgħid li l-Grievances Unit imsemmi fiċ-ċirkulari tal-25 ta' Settembru 2014 kien biss stedina oħra sabiex jitressqu l-ilmenti u ma jistax jingħad li kien hemm it-tieni Grievances Unit.

102. L-atturi resqu l-ilmenti tagħhom quddiem dan il-Bord u ma jirriżultax li kien hemm xi dewmien f'dawk il-proċeduri li ikkaġunaw danni lill-atturi. Fil-fatt fis-sottomissjonijiet finali tagħhom l-atturi ma jagħmlu l-ebda referenza għal din it-talba. Tqis għalhekk illi l-ħames talba attriċi fir-rigward tal- *Independent Police Complaints Board* ma hiex fondata u qed tiġi miċħuda.

103. It-talbiet attriċi numri sitta, sebgħa, tmienja u disgħa huma talbiet għad-danni konsegwenzjali għat-talbiet attriċi preċedenti li kollha qed jiġu miċħuda. Konsegwentement huma miċħuda wkoll l-aħħar erba' talbiet attriċi.

**Decide**

Għal dawn il-motivi, l-Qorti taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi,

1. **Tiċħad** l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenuti u tiddikjara li l-konvenuti kollha huma leġittimi kontradittturi;

[46] Fol 100 – 101 tal-proċess.

2. **Tiddikjara** li l-azzjoni promossa mill-atturi hija azzjoni għal stħarriġ ġudizzjarju ta' egħmil amministrattiv fit-termini tal-**Artikolu 469A tal-Kapitolu 12** tal-Liġijiet ta' Malta.

3. **Tiddikjara** l-ewwel, it-tieni, it-tielet, ir-raba' u l-ewwel parti tal-ħames talba fejn ġie allegat dewmien sabiex jiġi mitmum il-proċess tal-għażla għal surġenti maġġuri bħala irritwali u nulli in kwantu mressqa oltre t-terminu perentorju ta' sitt xhur kontemplat fis-sub inċiż numru 3 tal-Artikolu 469A tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

4. **Tiċħad** it-tieni parti tal-ħames talba attriċi fejn ġie allegat dewmien mill-*Independent Police Complaints Board*, in kwantu la ġie ppruvat li kien hemm dewmien u lanqas li kien hemm xi danni konsegwenzjali.

5. **Tiċħad** il-kumplament tat-talbiet attriċi in kwantu huma talbiet konsegwenzjali għat-talbiet attriċi preċedenti.

6. **Bla preġudizzju** għall-kwalunkwe azzjoni oħra spettanti lill-atturi.

**Bl-ispejjeż** a karigu tal-atturi b'applikazzjoni tal-Artikolu 223 (1) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta

**Onor. Robert G. Mangion**

**Imħallef**

27 ta' Settembru 2023

**Lydia Ellul**

**Deputat Reġistratur**